Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 16 ta' Lulju 2020**
**(OR. en)**

**9753/20**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2020/0148(CNS)**

**FISC 156**
**ECOFIN 618**
**IA 37**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,<br>iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur |
| data meta waslet: | 16 ta' Lulju 2020 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2020) 314 final |
| Suġġett: | Proposta għal DIRETTIVA TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 2011/16/UE dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2020) 314 final.

Mehmuż: COM(2020) 314 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 15.7.2020
COM(2020) 314 final

2020/0148 (CNS)

Proposta għal

# DIRETTIVA TAL-KUNSILL

## li temenda d-Direttiva 2011/16/UE dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni

{SEC(2020) 271 final} - {SWD(2020) 129 final} - {SWD(2020) 130 final} - {SWD(2020) 131 final}

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet u objettivi tal-proposta**

It-tassazzjoni ġusta hija waħda mill-pedamenti ewlenin tal-ekonomija soċjali tas-suq Ewropea u fost il-pilastri ewlenin tal-impenn tal-Kummissjoni għal "*ekonomija għas-servizz tan-nies*"[1]. It-tassazzjoni ġusta tippromwovi l-ġustizzja soċjali u kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fl-UE. Sistema tat-taxxa ġusta għandha tkun ibbażata fuq regoli tat-taxxa li jiżguraw li kulħadd iħallas is-sehem ġust tiegħu, filwaqt li tagħmilha faċli biex il-kontribwenti, kemm jekk ikunu negozji kif ukoll jekk ikunu ċittadini, jikkonformaw mar-regoli. It-tassazzjoni ġusta u effiċjenti hija kruċjali biex jiġi ssalvagwardjat dħul suffiċjenti għall-investiment pubbliku fin-nies u fl-infrastruttura, filwaqt li jinħoloq ambjent tan-negozju fis-suq uniku li fih id-ditti innovattivi jistgħu jistgħanaw.

Il-pandemija tal-COVID-19 iżżid l-urġenza tal-ħtieġa li jiġu protetti l-finanzi pubbliċi u li jiġu limitati l-konsegwenzi soċjoekonomiċi tagħha. L-Istati Membri se jkollhom bżonn dħul adegwat mit-taxxa biex jiffinanzjaw l-isforzi konsiderevoli tagħhom biex irażżnu l-impatt ekonomiku negattiv tal-miżuri kontra l-pandemija tal-COVID-19, filwaqt li jiżguraw li l-iktar gruppi vulnerabbli ma jkollhomx għalfejn jerfgħu l-piż tal-ġbir ta' dan id-dħul. L-iżgurar tal-ġustizzja fit-taxxa permezz tal-prevenzjoni tal-frodi tat-taxxa, tal-evażjoni tat-taxxa u tal-evitar tat-taxxa sar iktar importanti minn qatt qabel. F'dan il-kuntest, it-tisħiħ tal-kooperazzjoni amministrattiva u tal-iskambju ta' informazzjoni huwa kruċjali fil-ġlieda kontra l-evitar tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa fl-Unjoni. Kif enfasizzat fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Il-mument tal-Ewropa: Tiswija u Tħejjija għall-Ġenerazzjoni li Jmiss"[2], l-iżgurar tas-solidarjetà u tal-ġustizzja huwa fil-qalba tal-irkupru, u l-Kummissjoni se tintensifika l-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa u prattiki inġusti oħra. Dan se jgħin lill-Istati Membri jiġġeneraw id-dħul meħtieġ mit-taxxa biex jirrispondu għall-isfidi maġġuri tal-kriżi attwali.

Din il-proposta leġiżlattiva hija parti minn pakkett għal tassazzjoni ġusta u sempliċi li tappoġġa l-irkupru tal-UE, li jinkludi Komunikazzjoni dwar Pjan ta' Azzjoni fejn jiġu ppreżentati numru ta' inizjattivi futuri għal tassazzjoni ġusta u sempliċi li tappoġġa l-istrateġija ta' rkupru[3], u Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Governanza tajba fil-qasam tat-taxxa fl-UE u lil hinn minnha[4], li se tirrieżamina l-progress li sar fit-tisħiħ tal-governanza tajba fil-qasam tat-taxxa fl-UE u lil hinn minnha u li se tissuġġerixxi oqsma fejn jista' jsir titjib.

F'dawn l-aħħar snin, l-UE ffokat l-isforzi tagħha biex tindirizza l-frodi tat-taxxa, l-evażjoni tat-taxxa u l-evitar tat-taxxa u biex tagħti spinta lit-trasparenza. Filwaqt li sar titjib kbir b'mod partikolari fil-qasam tal-iskambju ta' informazzjoni, l-evalwazzjoni[5] tal-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE tal-15 ta' Frar 2011 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva

---

[1] Il-Kummissjoni Ewropea, Linji Gwida Politiċi għall-Kummissjoni Ewropea 2019-2024 li jmiss, Unjoni li tirsisti għal aktar, https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/political-guidelines-next-commission_mt.pdf.

[2] COM(2020) 456 final.

[3] COM(2020) 312 final.

[4] COM(2020) 313 final.

[5] Il-Kummissjoni Ewropea, Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni, Evalwazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni u li tħassar id-Direttiva 77/799/KEE, SWD(2019) 328 final.

fil-qasam tat-tassazzjoni[6] wriet li għad hemm il-ħtieġa li jittejbu d-dispożizzjonijiet eżistenti relatati mal-forom kollha ta' skambju ta' informazzjoni u ta' kooperazzjoni amministrattiva. B'mod partikolari, in-nozzjonijiet ta' rilevanza prevedibbli u t-talbiet għall-informazzjoni għal grupp ta' kontribwenti ħarġu bħala l-iktar elementi problematiċi tal-qafas minħabba n-nuqqas ta' ċarezza tagħhom.

L-evalwazzjoni wriet ukoll li r-regoli għall-użu tal-kontrolli simultanji u li jippermettu l-preżenza ta' uffiċjali ta' Stat Membru waqt inkjesta fi Stat Membru ieħor ma kellhomx bażi ġuridika f'xi wħud mis-sistemi nazzjonali, u l-eżitu attwali ta' dan hu li ma jistax isir użu effiċjenti ta' dawk id-dispożizzjonijiet. Il-Forum Konġunt dwar il-Prezzijiet ta' Trasferiment jiddiskuti dan il-punt f'iktar dettall fir-rapport tal-2018 dwar il-kontrolli tal-ipprezzar tat-trasferimenti fl-UE[7]. Ir-rapport kien ibbażat fuq il-prattika eżistenti tal-Istati Membri biex enfasizza n-nuqqasijiet attwali u biex issuġġerixxa t-titjib li jista' jsir fl-użu tal-kontrolli tal-ipprezzar tat-trasferimenti f'żewġ Stati Membri jew iktar. Ir-rapport irrakkomanda li jiġi adottat *"approċċ ikkoordinat għall-kontrolli tal-ipprezzar tat-trasferimenti [li] jikkontribwixxi għal funzjonament aħjar tas-suq intern f'żewġ livelli: joffri għodda trasparenti u effiċjenti lill-amministrazzjonijiet tat-taxxa li tiffaċilita l-allokazzjoni tad-drittijiet tal-intaxxar, u jipprevjeni wkoll l-okkorrenza tat-tassazzjoni doppja u n-nontassazzjoni doppja"*.

Għalhekk, hemm ħtieġa ċara li jittejjeb il-qafas eżistenti għall-iskambju ta' informazzjoni u għall-kooperazzjoni amministrattiva fl-UE. Fil-fatt, fil-bidu tal-mandat tagħha, il-President tal-Kummissjoni enfasizzat il-ħtieġa li jiġi eżaminat kif tista' tittejjeb il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali[8]. It-titjib tal-iskambju ta' informazzjoni u tal-kooperazzjoni amministrattiva fl-UE jaqdi rwol ċentrali.

Minbarra li ssaħħaħ ir-regoli eżistenti, l-espansjoni tal-kooperazzjoni amministrattiva lejn oqsma ġodda hija meħtieġa fl-UE, sabiex jiġu indirizzati l-isfidi tad-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija kif ukoll sabiex l-amministrazzjonijiet tat-taxxa jiġu megħjuna jiġbru t-taxxi b'mod aħjar u iktar effiċjenti u jlaħħqu ma' żviluppi ġodda. Il-karatteristiċi tal-ekonomija tal-pjattaformi diġitali jagħmluha diffiċli ħafna għall-awtoritajiet tat-taxxa biex ikollhom traċċabbiltà u biex iwettqu d-detezzjoni tal-avvenimenti taxxabbli. Il-problema tiġi intensifikata b'mod partikolari meta tali tranżazzjonijiet isiru permezz ta' operaturi tal-pjattaformi diġitali li jkunu stabbiliti f'ġurisdizzjoni oħra. In-nuqqas ta' rappurtar tal-introjtu li jiggwadanjaw il-bejjiegħa għall-forniment ta' servizzi jew għall-bejgħ ta' oġġetti permezz tal-pjattaformi diġitali jwassal għal nuqqas ta' dħul mit-taxxa għall-Istati Membri. Barra minn hekk jagħti vantaġġ lil xi bejjiegħa meta mqabbla ma' dawk li mhumiex attivi fil-pjattaformi diġitali. Jekk din il-lakuna regolatorja ma tiġix indirizzata, l-objettiv tat-tassazzjoni ġusta ma jistax jiġi żgurat.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-leġiżlazzjoni proposta tindirizza l-prijorità politika wiesgħa ta' trasparenza fit-tassazzjoni, li hija prerekwiżit għal ġlieda effettiva kontra l-frodi tat-taxxa, l-evażjoni tat-taxxa u l-evitar tat-taxxa. F'dawn l-aħħar snin, l-Istati Membri tal-UE qablu fuq serje ta' strumenti leġiżlattivi fil-qasam tat-trasparenza, li fil-kuntest tagħhom, l-awtoritajiet nazzjonali tat-taxxa jridu

[6] Id-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni u li tħassar id-Direttiva 77/799/KEE (ĠU L 64, 11.3.2011, p. 1).

[7] Il-Forum Konġunt tal-UE dwar il-Prezzijiet ta' Trasferiment, *A Coordinated Approach to Transfer Pricing Controls within the EU* (Approċċ Ikkoordinat għall-Kontrolli tal-Prezzijiet ta' Trasferiment fl-UE), JTPF/013/2018/EN, Ottubru 2018.

[8] Ittra ta' missjoni lil Paolo Gentiloni, Kummissarju għall-Ekonomija, mingħand Ursula von der Leyen, President tal-Kummissjoni Ewropea, l-10 ta' Settembru 2019.

jikkooperaw mill-qrib fl-iskambju tal-informazzjoni. Id-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE ssostitwiet id-Direttiva tal-Kunsill 77/799/KEE11 u mmarkat il-bidu ta' kooperazzjoni amministrattiva msaħħa fost l-awtoritajiet tat-taxxa fl-UE. Stabbiliet għodod utli għal kooperazzjoni aħjar fl-oqsma li ġejjin:

(1) l-iskambji ta' informazzjoni fuq talba;

(2) l-iskambji spontanji;

(3) l-iskambji awtomatiċi f'lista eżawrjenti ta' oqsma (jiġifieri l-introjtu mill-impjieg; it-tariffi tad-direttur; il-prodotti tal-assigurazzjoni tal-ħajja li mhumiex koperti minn Direttivi oħra; il-pensjonijiet; u s-sjieda tal-proprjetà immobbli u l-introjtu minnha);

(4) il-parteċipazzjoni ta' uffiċjali barranin f'inkjesti amministrattivi;

(5) il-kontrolli simultanji; u

(6) n-notifiki ta' deċiżjonijiet dwar it-taxxa lil awtoritajiet oħrajn tat-taxxa.

Id-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE ġiet emendata diversi drabi bl-inizjattivi li ġejjin:

- Id-Direttiva tal-Kunsill 2014/107/UE tad-9 ta' Diċembru 2014[9] (DAC2) fir-rigward tal-iskambju awtomatiku tal-informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji bejn l-Istati Membri abbażi tal-Istandard Komuni ta' Rappurtar (CRS) tal-OECD li jippreskrivi l-iskambju awtomatiku tal-informazzjoni dwar il-kontijiet finanzjarji miżmuma minn persuni li mhumiex residenti;
- Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/2376 tat-8 ta' Diċembru 2015[10] (DAC3) fir-rigward tal-iskambju awtomatiku obbligatorju ta' informazzjoni dwar deċiżjonijiet transfruntiera antiċipati tat-taxxa;
- Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2016/881 tal-25 ta' Mejju 2016[11] (DAC4) fir-rigward tal-iskambju awtomatiku obbligatorju ta' informazzjoni dwar rapportar għal kull pajjiż (CbCR) fost l-awtoritajiet tat-taxxa;
- Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2016/2258 tas-6 ta' Diċembru 2016[12] (DAC5) fir-rigward tal-aċċess mill-awtoritajiet tat-taxxa għal informazzjoni dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus;
- Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2018/822 tal-25 ta' Mejju 2018[13] (DAC6) fir-rigward tal-iskambju awtomatiku obbligatorju ta' informazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni b'rabta ma' arranġamenti transfruntiera rapportabbli.

---

[9] Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2014/107 tad-9 ta' Diċembru 2014 li temenda d-Direttiva 2011/16/UE fir-rigward tal-iskambju awtomatiku obbligatorju ta' informazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni (ĠU L 359, 16.12.2014, p. 1).

[10] Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/2376 tat-8 ta' Diċembru 2015 li temenda d-Direttiva 2011/16/UE fir-rigward tal-iskambju awtomatiku u obbligatorju ta' informazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni (ĠU L 332, 18.12.2015, p. 1).

[11] Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2016/881 tal-25 ta' Mejju 2016 li temenda d-Direttiva 2011/16/UE fir-rigward tal-iskambju awtomatiku obbligatorju ta' informazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni (ĠU L 146, 3.6.2016, p. 8).

[12] Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2016/2258 tas-6 ta' Diċembru 2016 li temenda d-Direttiva 2011/16/UE fir-rigward tal-aċċess mill-awtoritajiet tat-taxxa għal informazzjoni dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus (ĠU L 342, 16.12.2016, p. 1-3).

[13] Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2018/822 tal-25 ta' Mejju 2018 li temenda d-Direttiva 2011/16/UE dwar l-iskambju awtomatiku u obbligatorju ta' informazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni fir-rigward ta' arranġamenti transkonfinali rapportabbli (ĠU L 139, 5.6.2018, p. 1-13).

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Id-dispożizzjonijiet eżistenti tad-Direttiva jinteraġixxu mar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*[14] (GDPR) f'diversi każijiet fejn id-*data* personali ssir rilevanti u fl-istess ħin jinkludu dispożizzjonijiet u salvagwardji speċifiċi dwar il-protezzjoni tad-*data*. L-emendi proposti se jkomplu jsegwu u jirrispettaw dawn is-salvagwardji. Kwalunkwe impatt negattiv possibbli fuq id-*data* personali se jittaffa permezz tal-miżuri proċedurali u tal-IT. L-iskambju tad-*data* se jgħaddi minn sistema elettronika sigura li tikkripta u tiddekripta d-*data* u, f'kull amministrazzjoni tat-taxxa, jenħtieġ li l-uffiċjali awtorizzati biss ikollhom l-aċċess għal din l-informazzjoni. Bħala kontrolluri konġunti tad-*data*, se jkollhom jiżguraw li l-ħżin tad-*data* jkun sigur u speċifiku.

Il-Kummissjoni hija attiva f'diversi oqsma ta' politika li huma rilevanti għall-ekonomija diġitali, inkluż l-operaturi tal-pjattaformi diġitali li huma koperti mill-inizjattiva proposta. L-inizjattiva proposta ma taffettwax proġetti oħra tal-Kummissjoni li għaddejjin bħalissa b'mod simultanju, peress li għandha l-għan speċifiku li tindirizza ċerti kwistjonijiet relatati mat-taxxa. Hija mingħajr preġudizzju għal ebda rekwiżit ta' informazzjoni li jista' jiġi kkunsidrat għall-fornituri ta' servizzi diġitali bħala parti mill-pakkett tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali fil-kuntest tar-reviżjoni li jmiss tad-Direttiva eżistenti dwar il-Kummerċ Elettroniku[15], jew fil-qafas ta' inizjattiva mmirata lejn it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol ta' persuni li jaħdmu fuq pjattaformi diġitali.

Il-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli proposti jinkludi s-servizzi ta' finanzjament kollettiv li jikkonsistu minn finanzjament kollettiv ibbażat fuq l-investiment kif ukoll fuq is-self mogħti. Meta jitqies dan kollu u sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mal-politiki tal-Unjoni fil-qasam tar-regolamentazzjoni tas-swieq finanzjarji, id-definizzjoni ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv u ta' fornituri tas-servizzi tirreferi għal-leġiżlazzjoni rilevanti f'dak il-qasam.

## .2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

L-Artikolu 115 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) huwa l-bażi ġuridika għal inizjattivi leġiżlattivi fil-qasam tat-tassazzjoni diretta. Għalkemm ma ssir l-ebda referenza espliċita għat-tassazzjoni diretta, l-Artikolu 115 jirreferi għal direttivi għall-approssimizzazzjoni tal-liġijiet nazzjonali bħala dawk li jaffettwaw direttament l-istabbiliment jew il-funzjonament tas-suq intern. Sabiex tiġi ssodisfata din il-kundizzjoni, jeħtieġ li l-leġiżlazzjoni proposta tal-UE fil-qasam tat-tassazzjoni diretta jkollha l-għan li tirrettifika l-inkonsistenzi eżistenti fil-funzjonament tas-suq intern. Barra minn hekk, minħabba li l-informazzjoni skambjata skont id-Direttiva tista' tintuża wkoll fil-qasam tal-VAT u ta' taxxi indiretti oħra, l-Artikolu 113 tat-TFUE huwa kkwotat ukoll bħala bażi ġuridika.

Peress li l-inizjattiva proposta temenda d-Direttiva, huwa inerenti fiha li l-bażi ġuridika tibqa' l-istess. Tabilħaqq, ir-regoli proposti li għandhom l-għan li jtejbu l-qafas eżistenti fir-rigward tal-iskambju ta' informazzjoni u l-kooperazzjoni amministrattiva ma jiddevjawx mis-suġġett

[14] Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39-98).

[15] Id-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern ("Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku") (ĠU L 178, 17.7.2000, p. 1).

tad-Direttiva. B'mod partikolari, il-modifiki previsti se jipprovdu definizzjoni ċara ta' rilevanza prevedibbli u qafas ġuridiku espliċitu għat-twettiq ta' awditi konġunti. L-applikazzjoni konsistenti ta' dawn id-dispożizzjonijiet tista' tinkiseb biss permezz tal-approssimizzazzjoni tal-liġijiet nazzjonali.

Apparti l-qafas eżistenti, il-proposta tintroduċi regoli dwar ir-rappurtar mill-operaturi tal-pjattaformi diġitali bħala rispons għall-problemi li jfeġġu mill-użu tal-pjattaformi diġitali f'diversi attivitajiet. In-natura diġitali tal-pjattaformi tippermetti lill-bejjiegħa ta' oġġetti u ta' servizzi jużaw tali pjattaformi diġitali għat-twettiq tal-attività tagħhom, filwaqt li potenzjalment ma jirrappurtawx l-introjtu li jiggwadanjaw fl-Istat Membru tar-residenza tagħhom. B'hekk, l-Istati Membri jbatu minħabba introjtu mhux irrappurtat u telf ta' dħul mit-taxxa. Sitwazzjoni bħal din twassal ukoll għal kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni inġusta fil-qasam tat-taxxa kontra individwi jew negozji li ma jwettqux l-attivitajiet tagħhom permezz tal-pjattaformi diġitali, u dan joħloq distorsjoni fit-tħaddim tas-suq intern. Għalhekk, sitwazzjoni bħal din tista' tiġi indirizzata biss permezz ta' approċċ uniformi, kif preskritt fl-Artikolu 115 tat-TFUE.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-proposta tosserva għalkollox il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-TFUE. Tindirizza l-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni. Din tinkludi ċerti modifiki fir-regoli biex jittejjeb il-funzjonament tad-dispożizzjonijiet eżistenti li jittrattaw il-kooperazzjoni transfruntiera bejn l-amministrazzjonijiet tat-taxxa minn Stati Membri differenti. Il-proposta tinvolvi wkoll l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-iskambju awtomatiku tal-informazzjoni għall-operaturi tal-pjattaformi diġitali billi timponilhom l-obbligu li jirrappurtaw l-introjtu li jiggwadanjaw il-bejjiegħa ta' oġġetti u ta' servizzi li jużaw il-pjattaformi rilevanti.

L-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet eżistenti tad-Direttiva wriet li hemm diskrepanzi sinifikanti fost l-Istati Membri. Filwaqt li xi Stati Membri lesti jikkooperaw bis-sħiħ u jiskambjaw l-informazzjoni, Stati Membri oħra għandhom approċċ restrittiv jew saħansitra jirrifjutaw l-iskambji tal-informazzjoni. Barra minn hekk, ċerti dispożizzjonijiet ma kinux biżżejjed biex jindirizzaw il-ħtiġijiet li kellhom maż-żmien l-amministrazzjonijiet tat-taxxa huma u jikkooperaw ma' Stat(i) Membru/i ieħor/oħra.

Iż-żieda fl-użu tal-pjattaformi diġitali għall-forniment ta' servizzi u għall-bejgħ ta' oġġetti wasslet ukoll għal dikjarazzjonijiet inkonsistenti tal-introjtu mill-bejjiegħa, u din toħloq riskju kbir ta' evażjoni tat-taxxa. Filwaqt li ftit Stati Membri imponew l-obbligu tar-rappurtar fid-dritt nazzjonali tagħhom, l-esperjenza turi li d-dispożizzjonijiet nazzjonali kontra l-evażjoni tat-taxxa ma jistgħux ikunu effettivi għalkollox, speċjalment meta l-attivitajiet fil-mira jkunu transfruntiera.

Iċ-ċertezza u ċ-ċarezza tad-dritt jistgħu jiġu żgurati biss billi jiġu indirizzati dawn l-ineffiċjenzi permezz ta' sett uniku ta' regoli li japplikaw għall-Istati Membri kollha. Is-suq intern jeħtieġ mekkaniżmu b'saħħtu biex dawn il-lakuni jiġu indirizzati b'mod uniformi u biex id-distorsjonijiet eżistenti jiġu rettifikati billi jiġi żgurat li l-awtoritajiet tat-taxxa jirċievu informazzjoni xierqa u f'waqtha. Qafas armonizzat għar-rappurtar fl-UE kollha jidher li huwa indispensabbli, b'mod partikolari fid-dawl tad-dimensjoni transfruntiera prevalenti tas-servizzi pprovduti mill-operaturi tal-pjattaformi. Meta jiġi kkunsidrat li l-obbligu tar-rappurtar fir-rigward tal-introjtu ggwadanjat permezz tal-użu tal-pjattaformi diġitali għandu l-għan li primarjament jinforma lill-awtoritajiet tat-taxxa dwar l-attivitajiet b'dimensjoni lil hinn minn

ġurisdizzjoni unika, jeħtieġ li wieħed jagħti bidu lil kwalunkwe inizjattiva bħal din b'azzjoni fil-livell tal-UE, sabiex jiġi żgurat approċċ uniformi għall-problema identifikata.

Għaldaqstant, l-UE tinsab f'pożizzjoni aħjar mill-Istati Membri individwali biex tindirizza l-problemi identifikati u biex tiżgura l-effettività u l-kompletezza tas-sistema għall-iskambju ta' informazzjoni u għall-kooperazzjoni amministrattiva. L-ewwel nett, tiżgura applikazzjoni konsistenti tar-regoli fl-UE kollha. Imbagħad, il-pjattaformi diġitali kollha f'dan l-ambitu jkunu soġġetti għall-istess rekwiżiti tar-rappurtar. Fl-aħħar nett, flimkien mar-rappurtar isir skambju ta' informazzjoni, u b'hekk jippermetti lill-amministrazzjonijiet tat-taxxa jiksbu sett komprensiv ta' informazzjoni rigward l-introjtu ggwadanjat permezz ta' pjattaforma diġitali.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta tikkonsisti mit-titjib tad-dispożizzjonijiet eżistenti tad-Direttiva u testendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-iskambji awtomatiċi għal ċertu informazzjoni speċifika rrappurtata mill-operaturi tal-pjattaformi diġitali. It-titjib ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq l-objettiv tal-iskambji ta' informazzjoni u b'mod usa', tal-kooperazzjoni amministrattiva. Meta jiġi kkunsidrat li d-distorsjonijiet identifikati fil-funzjonament tas-suq intern normalment jespandu lil hinn mill-fruntieri ta' Stat Membru wieħed, ir-regoli komuni tal-UE jirrappreżentaw il-minimu meħtieġ biex il-problemi jiġu indirizzati b'mod effettiv.

Għalhekk, ir-regoli proposti jikkontribwixxu għal applikazzjoni iktar ċara, konsistenti u effettiva tad-Direttiva u dan iwassal għal modi aħjar biex jintlaħqu l-objettivi tagħha. L-obbligu previst tal-operaturi tal-pjattaformi diġitali li jirrappurtaw l-introjtu li jiggwadanjaw l-utenti tagħhom, jiġifieri l-bejjiegħa, joffri wkoll soluzzjoni prattika kontra l-evażjoni tat-taxxa permezz tal-użu ta' mekkaniżmi għall-iskambju ta' informazzjoni li diġà kienu ġew ippruvati għad-DAC2 u d-DAC4. F'dan is-sens, wieħed jista' jiddikjara li l-inizjattiva proposta tirrappreżenta tweġiba proporzjonata għall-inkonsistenzi identifikati fid-Direttiva u għandha l-għan ukoll li tindirizza l-problema tal-evażjoni tat-taxxa.

- **Għażla tal-istrument**

Il-bażi ġuridika għal din il-proposta hija doppja: l-Artikoli 113 u 115 tat-TFUE, li jistabbilixxu b'mod espliċitu li l-leġiżlazzjoni f'dan il-qasam tista' tiġi ppromulgata biss fil-forma ġuridika ta' Direttiva. Għalhekk mhuwiex permissibbli li jintuża xi tip ieħor ta' att legali tal-UE fir-rigward tal-adozzjoni ta' regoli vinkolanti fit-tassazzjoni. Barra minn hekk, id-Direttiva proposta tikkostitwixxi s-sitt emenda tad-DAC; għaldaqstant issegwi d-Direttivi tal-Kunsill 2014/107/UE, (UE) 2015/2376, (UE) 2016/881, (UE) 2016/2258 u (UE) 2018/822

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Fl-2019, il-Kummissjoni evalwat[16] l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud għall-UE tar-regoli eżistenti dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni diretta. L-evalwazzjoni kkonkludiet li l-kooperazzjoni ġġib magħha benefiċċji importanti, iżda għad hemm lok għal titjib. Uriet li għad hemm differenzi fil-mod kif l-Istati Membri jisfruttaw l-għodod disponibbli ta' kooperazzjoni amministrattiva. L-informazzjoni skambjata tista' tintuża b'mod iktar effiċjenti u l-benefiċċji tal-kooperazzjoni jistgħu jiġu

[16] Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni (nru 2).

analizzati b'mod iktar komprensiv. Filwaqt li tibni fuq l-evalwazzjoni, din il-proposta leġiżlattiva tippreżenta sett ta' interventi speċifiċi biex jittejjeb il-funzjonament tal-kooperazzjoni amministrattiva.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Fl-10 ta' Frar 2020, il-Kummissjoni nediet Konsultazzjoni Pubblika biex tiġbor il-feedback dwar it-triq 'il quddiem biex l-azzjoni tal-UE ssaħħaħ il-qafas tal-iskambju tal-informazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni. Ġew ippreżentati numru ta' opzjonijiet possibbli u l-partijiet ikkonċernati taw il-feedback tagħhom f'total ta' 37 rispons. Barra minn hekk, il-Kummissjoni wettqet konsultazzjonijiet immirati billi fis-27 ta' Frar 2020 organizzat laqgħa ma' diversi rappreżentanti tal-operaturi tal-pjattaformi diġitali. Kien hemm konsensus fost ir-rappreżentanti tal-operaturi tal-pjattaformi diġitali dwar il-benefiċċji li jkun hemm qafas ġuridiku standardizzat tal-UE għall-ġbir tal-informazzjoni mill-pjattaformi, minflok diversi regoli nazzjonali differenti ta' rappurtar. Barra minn hekk, ir-rappreżentanti tal-operaturi tal-pjattaformi diġitali kienu favur soluzzjoni simili għal punt uniku ta' kuntatt bħalma hemm għall-VAT li kieku jippermetti li l-informazzjoni tiġi rrappurtata biss lill-amministrazzjoni tat-taxxa fl-Istat Membru tar-residenza tal-pjattaforma.

Fir-rigward tal-awditi konġunti, ir-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika enfasizzaw il-ħtieġa li jissaħħaħ ir-rwol tagħhom fil-qafas tal-kooperazzjoni amministrattiva fil-livell tal-UE.

- **Konsultazzjonijiet mal-Istati Membri**

Il-Kummissjoni Ewropea wettqet konsultazzjonijiet immirati permezz ta' kwestjonarju għall-Istati Membri. Barra minn hekk, fis-26 ta' Frar 2020, id-DĠ TAXUD organizza laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma IV u l-Istati Membri kellhom l-opportunità jiddibattu proposta possibbli ta' emenda għad-DAC. Il-laqgħa ffokat fuq ir-rappurtar u l-iskambju tal-informazzjoni dwar l-introjtu ggwadanjat permezz tal-pjattaformi diġitali.

B'mod kumplessiv, ġie rreġistrat appoġġ wiesa' għal inizjattiva possibbli tal-UE għall-iskambju tal-informazzjoni dwar l-introjtu ggwadanjat mill-bejjiegħa permezz tal-pjattaformi diġitali. Il-maġġoranza tal-Istati Membri ffavorew kamp ta' applikazzjoni wiesa' għall-qafas ġuridiku l-ġdid li minbarra l-introjtu mill-kiri tal-proprjetà immobbli u l-forniment ta' servizzi personali, ikun jinkludi wkoll il-bejgħ ta' oġġetti, il-kirjiet ta' kwalunkwe modalità ta' trasport u s-servizzi ta' finanzjament kollettiv.

- **Eżitu tal-konsultazzjonijiet**

Jidher li kemm il-konsultazzjonijiet pubbliċi kif ukoll dawk immirati jikkonverġu fuq l-isfidi li r-regoli l-ġodda għall-operaturi tal-pjattaformi diġitali jenħtieġ li jkollhom l-għan li jindirizzaw: in-nuqqas ta' rappurtar fl-ekonomija tal-pjattaformi diġitali, u l-ineffiċjenzi; u l-ħtieġa li jittejjeb il-qafas attwali tal-kooperazzjoni amministrattiva tal-UE, pereżempju fil-qasam tal-awditi konġunti.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-Kummissjoni wettqet valutazzjoni tal-impatt ta' alternattivi ta' politika rilevanti li kellhom opinjoni pożittiva mill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju fil-5 ta' Mejju 2020 (SEC(2020)271)[17]. Il-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju għamel numru ta' rakkomandazzjonijiet għal titjib li tqiesu

[17] (daħħal referenza għall-Opinjoni tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju).

fir-rapport finali tal-valutazzjoni tal-impatt (SWD(2020)131)[18]. Ġew ivvalutati opzjonijiet differenti ta' politika skont il-kriterji tal-effettività, tal-effiċjenza u tal-koerenza meta mqabbla max-xenarju bażi. Fl-ogħla livell ta' analiżi, ikollha ssir għażla bejn l-i*status quo* jew ix-xenarju bażi u xenarju li fih il-Kummissjoni taġixxi b'mod mhux regolatorju jew b'mod regolatorju. L-azzjoni mhux regolatorja tkun tikkonsisti mill-ħruġ ta' Rakkomandazzjoni. L-opzjoni regolatorja tinvolvi inizjattiva leġiżlattiva biex jiġu emendati ċerti elementi speċifiċi tal-qafas tal-kooperazzjoni amministrattiva eżistenti.

Emenda leġiżlattiva ġiet identifikata bħala l-opzjoni ppreferuta għall-emendar tar-regoli eżistenti, sabiex jiġu żgurati l-konsistenza u l-effettività.

Fir-rigward tal-operaturi tal-pjattaformi diġitali, il-Valutazzjoni tal-Impatt tindika li l-opzjoni regolatorja fil-livell tal-UE hija l-iktar waħda xierqa biex tiġi ssodisfata l-politika identifikata. Intwera li l-i*status quo* jew ix-xenarju bażi huma l-inqas opzjoni effettiva, effiċjenti jew koerenti. B'mod differenti mix-xenarju bażi, standard komuni obbligatorju tal-UE kieku jiżgura li l-amministrazzjonijiet tat-taxxa kollha tal-UE jkollhom aċċess għall-istess tip ta' *data*. Fi kliem ieħor, azzjoni regolatorja tal-UE kieku tqiegħed lill-awtoritajiet tat-taxxa kollha fuq livell indaqs fir-rigward tal-aċċess għall-informazzjoni miġbura għal fini identifikat tat-taxxa. Din tippermetti wkoll l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni fil-livell tal-UE abbażi ta' standards u speċifikazzjonijiet komuni. Ladarba tiġi implimentata, hija l-uniku xenarju li fih l-awtoritajiet tat-taxxa fl-Istat Membru tar-residenza ta' bejjiegħ jistgħu jivverifikaw li l-bejjiegħ irrapporta bir-reqqa l-introjtu li ggwadanja mill-pjattaformi diġitali, mingħajr ma jkun hemm bżonn talbiet u inkjesti *ad hoc* u li jaħlu l-ħin. Barra minn hekk, standard komuni obbligatorju ta' rappurtar tal-UE kieku jiżgura li l-operaturi tal-pjattaformi diġitali ma jiffaċċjawx soluzzjonijiet nazzjonali frammentati fir-rigward tal-obbligi tar-rappurtar relatati mat-taxxa.

*Impatti ekonomiċi*

*Benefiċċji*

L-obbligu li jiġi rrappurtat l-introjtu ggwadanjat permezz tal-pjattaformi diġitali u l-iskambju ta' tali informazzjoni se jgħinu lill-Istati Membri biex jirċievu sett sħiħ ta' informazzjoni sabiex jiġbru d-dħul dovut mit-taxxa. Ir-regoli komuni ta' rappurtar se jgħinu wkoll biex jinħolqu kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni bejn il-bejjiegħa li jużaw il-pjattaformi diġitali u dawk li ma jużawhomx, u bejn l-operaturi tal-pjattaformi diġitali, li attwalment jaf jiffaċċjaw obbligi tar-rappurtar differenti ħafna. It-trasparenza rigward l-introjtu ggwadanjat mill-bejjiegħa bl-użu ta' pjattaformi diġitali kieku żżid il-kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni ma' negozji iktar tradizzjonali.

Strument obbligatorju uniku tal-UE jista' jkollu wkoll impatti soċjali pożittivi u jikkontribwixxi biex ikun hemm perċezzjoni pożittiva tal-ġustizzja fit-taxxa u tal-kondiviżjoni ġusta tal-piżijiet bejn il-kontribwenti. Huwa preżunt li iktar ma jkun wiesa' l-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli, iktar tkun b'saħħitha l-perċezzjoni tal-ġustizzja fit-taxxa, minħabba li hemm kwistjonijiet ta' nuqqas ta' rappurtar fit-tipi kollha ta' attivitajiet. L-istess raġunament japplika għall-benefiċċji f'termini tal-kondiviżjoni ġusta tal-piżijiet: iktar ma jkun wiesa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-intervent, iktar l-Istati Membri jkunu jistgħu jiżguraw aħjar li t-taxxi dovuti jinġabru b'mod effettiv. Il-benefiċċji fiskali tal-azzjoni tal-UE huma ferm ikbar meta l-obbligu tar-rappurtar ikollu kamp ta' applikazzjoni wiesa', jiġifieri jkun japplika għas-

[18] (daħħal referenza għall-valutazzjoni tal-impatt finali).

servizzi kollha u għall-bejgħ tal-oġġetti kollha. Il-limitazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni għall-pjattaformi diġitali bbażati fl-UE biss tista' tnaqqas b'mod sinifikanti d-dħul mit-taxxa ta' kull opzjoni.

*Kostijiet*

Irrispettivament mill-kamp ta' applikazzjoni, huwa stmat li l-kostijiet ta' darba li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tar-rappurtar awtomatiku fl-UE kollha jkunu jammontaw għal mijiet ta' miljuni ta' euro għall-operaturi tal-pjattaformi diġitali u għall-amministrazzjonijiet tat-taxxa kollha, filwaqt li l-kostijiet rikorrenti jkunu jammontaw għal għexieren ta' miljuni ta' euro. Il-kostijiet ta' darba u rikorrenti huma prinċipalment dovuti għall-iżvilupp u għall-operazzjonijiet tas-sistemi tal-IT. L-amministrazzjonijiet tat-taxxa jġarrbu wkoll kostijiet ta' infurzar. F'ġieħ il-kosteffiċjenza, l-Istati Membri mħeġġa jippermettu r-rappurtar diġitali, u jiżguraw l-interoperabbiltà tas-sistemi u fil-livell tad-*data* bejn il-pjattaformi diġitali u l-amministrazzjonijiet tat-taxxa, sa fejn dan ikun possibbli.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Il-proposta hija mfassla biex tnaqqas il-piżijiet regolatorji għall-operaturi tal-pjattaformi diġitali, għall-kontribwenti u għall-amministrazzjonijiet tat-taxxa. Ir-rispons politiku ppreferut jirrappreżenta tweġiba proporzjonata għall-problema identifikata peress li ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq l-objettiv tat-Trattati, jiġifieri l-funzjonament aħjar tas-suq intern mingħajr distorsjonijiet. Fil-fatt, ir-regoli komuni jkunu limitati għall-ħolqien ta' qafas komuni minimu meħtieġ għar-rappurtar tal-introjtu ggwadanjat permezz ta' pjattaforma diġitali. Pereżempju: (i) Ir-regoli jiżguraw li ma jkun hemm l-ebda rappurtar doppju (jiġifieri punt uniku ta' reġistrazzjoni u ta' rappurtar); (ii) l-iskambju awtomatiku jkun limitat għall-Istati Membri rilevanti; u (iii) l-impożizzjoni ta' penali għan-nuqqas ta' konformità tibqa' taħt il-kontroll sovran tal-Istati Membri. Barra minn hekk, l-armonizzazzjoni ma tmurx lil hinn mill-iżgurar li l-awtoritajiet kompetenti jkunu infurmati dwar l-introjtu ggwadanjat. Imbagħad, ikun f'idejn l-Istati Membri li jiddeċiedu dwar it-taxxa dovuta.

- **Drittijiet fundamentali**

Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. B'mod partikolari, is-sett ta' elementi tad-*data* li jridu jiġu trażmessi lill-amministrazzjonijiet tat-taxxa huma ddefiniti b'mod li jaqbad biss id-*data* minima meħtieġa biex jiġi identifikat in-nuqqas ta' rappurtar jew in-nonrappurtar mhux konformi, skont l-obbligi tal-GDPR.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Ara d-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva.

## 5. SPJEGAZZJONI FID-DETTALL TAD-DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI TAL-PROPOSTA

L-emenda tipproponi bidliet fid-dispożizzjonijiet eżistenti dwar l-iskambji ta' informazzjoni u l-kooperazzjoni amministrattiva kif ukoll testendi l-kamp ta' applikazzjoni għall-iskambju awtomatiku tal-informazzjoni fir-rigward tal-informazzjoni rrappurtata mill-operaturi tal-pjattaformi diġitali. Ir-regoli dwar ir-rappurtar għall-operaturi tal-pjattaformi diġitali ġew ispirati mix-xogħol li sar fl-OECD.

**(i) Skambju ta' informazzjoni fuq talba**

- **Rilevanza prevedibbli**

L-Artikolu 5a jipprevedi definizzjoni tal-istandard ta' rilevanza prevedibbli li japplika f'każ ta' talba ta' informazzjoni. Id-definizzjoni tistabbilixxi l-elementi tar-rekwiżiti standard u proċedurali li trid tosserva l-awtorità rikjedenti. It-talba għall-informazzjoni tista' tkun relatata ma' kontribwent wieħed jew iktar, diment li dawn jiġu identifikati b'mod individwali.

Kif stabbilit fil-paragrafu 10 tal-Artikolu 8a, l-istandard ta' rilevanza prevedibbli jenħtieġ li ma japplikax meta t-talba għall-informazzjoni tintbagħat bħala segwitu għad-deċiżjoni transfruntiera skambjata jew għal ftehim preliminari ta' prezzijiet skont id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/2376 tat-8 ta' Diċembru 2015.

L-Artikolu 17(1) huwa emendat sabiex tiġi ċċarata t-tifsira tal-eżawrjenza tas-sorsi ta' informazzjoni tas-soltu. Qabel ma titlob l-informazzjoni, l-awtorità rikjedenti hija obbligata teżawrixxi s-sorsi ta' informazzjoni kollha tas-soltu li setgħet tuża fiċ-ċirkostanzi biex tikseb l-informazzjoni mitluba u tuża l-mezzi kollha disponibbli. Madankollu, jekk biex tagħmel dan l-awtorità rikjedenti tiffaċċja diffikultajiet sproporzjonati u tissogra li tikkomprometti l-ilħuq tal-objettivi tagħha, l-obbligu ma japplikax. F'każ li l-awtorità rikjedenti ma tirrispettax dan l-obbligu, l-awtorità li ssirilha t-talba tista' tirrifjuta li tipprovdi l-informazzjoni.

L-emenda għall-Artikolu 20(2) se tiżgura li l-formoli għall-iskambju tal-informazzjoni fuq talba jiġu adattati kif xieraq.

- **Talbiet fi gruppi**

L-Artikolu 5b jindirizza t-talbiet fi gruppi fil-kuntest ta' talba għall-informazzjoni. It-talbiet fi gruppi huma relatati ma' grupp ta' kontribwenti li ma jistgħux jiġu identifikati b'mod individwali, iżda minflok jiġu deskritti b'sett komuni ta' karatteristiċi. Minħabba n-natura tat-talba, l-informazzjoni meħtieġa tvarja jekk talba tkun relatata ma' kontribwent individwali. Għalhekk, l-istandard ta' rilevanza prevedibbli kif iddefinit fl-Artikolu 5a ma japplikax. Minflok, l-awtorità rikjedenti trid tipprovdi sett ta' informazzjoni lill-awtorità li ssirilha t-talba li jinkludi (i) deskrizzjoni komprensiva tal-karatteristiċi tal-grupp; u (ii) spjegazzjoni tal-liġi applikabbli u tal-fatti u taċ-ċirkostanzi li wasslu għat-talba.

**(ii) Skambju awtomatiku ta' informazzjoni**

- **Kategoriji ta' introjtu**

L-Artikolu 8(1) jistabbilixxi l-kategoriji ta' introjtu li huma soġġetti għal skambju awtomatiku obbligatorju bejn l-Istati Membri. Ir-royalties huma miżjuda mal-kategoriji ta' introjtu li huma soġġetti għall-iskambju ta' informazzjoni. L-emenda se tobbliga lill-Istati Membri jiskambjaw l-informazzjoni kollha li tkun disponibbli, iżda dwar mill-inqas żewġ kategoriji ta' introjtu għall-perjodi taxxabbli sal-2024 u dwar mill-inqas erba' kategoriji ta' introjtu ma' Stati Membri oħra fir-rigward tal-perjodi taxxabbli mill-2024 'il quddiem f'konformità mal-Artikolu 8(3).

- **Ir-regoli tar-rappurtar għall-operaturi tal-pjattaformi se jkunu soġġetti għal skambju awtomatiku obbligatorju tal-informazzjoni**

L-Artikolu 8ac jistabbilixxi l-kamp ta' applikazzjoni u l-kundizzjonijiet għall-iskambju awtomatiku obbligatorju tal-informazzjoni li se jiġi rrappurtat mill-operaturi tal-pjattaformi lill-awtorità kompetenti. Ir-regoli dettaljati huma stabbiliti fl-Anness V. Bħala l-ewwel pass, ir-regoli jipprevedu obbligu għall-operaturi tal-pjattaformi rapportanti biex jiġbru u

jivverifikaw l-informazzjoni skont il-proċeduri tad-diliġenza dovuta. Bħala t-tieni pass, l-operaturi tal-pjattaformi rapportanti jridu jirrappurtaw l-informazzjoni dwar il-bejjiegħa rapportabbli, li jużaw il-pjattaforma tagħhom li joperaw fuqha, biex ibigħu l-oġġetti tagħhom, jipprovdu s-servizzi tagħhom jew jinvestu u jsellfu fil-kuntest tal-finanzjament kollettiv. Bħala t-tielet pass, l-informazzjoni rrappurtata trid tiġi kkomunikata lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-residenza tal-bejjiegħ rapportabbli jew lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih tkun tinsab il-proprjetà immobbli.

*Kamp ta' applikazzjoni*

It-Taqsima I tal-Anness V tipprevedi d-definizzjonijiet li jiddeterminaw il-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli għar-rappurtar.

– Min hu responsabbli għar-rappurtar

Ir-regoli jinkludu d-definizzjonijiet ta' x'inhuma Pjattaforma, Operatur tal-Pjattaformi u Operatur tal-Pjattaformi Rapportanti.

Il-kunċett ta' Pjattaforma ma jinkludix is-software li b'mod esklużiv jippermetti (i) l-ipproċessar tal-pagamenti, (ii) l-elenkar jew ir-reklamar ta' Attività Rilevanti mill-utenti, jew (iii) l-indirizzar mill-ġdid jew it-trasferiment tal-utenti lejn Pjattaforma.

Operatur tal-Pjattaformi Rapportanti huwa kwalunkwe operatur tal-pjattaformi li jkun resident tat-taxxa fi Stat Membru jew li jkun inkorporat skont il-liġijiet ta' Stat Membru jew li jkollu l-post tal-ġestjoni jew l-istabbiliment permanenti tiegħu fi Stat Membru (komunement imsejħa "pjattaformi tal-UE").

Barra minn hekk, il-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli jinkludi wkoll lill-operaturi tal-pjattaformi li ma jissodisfaw l-ebda waħda minn dawn il-kundizzjonijiet iżda li jiffaċilitaw it-twettiq ta' attività rilevanti mill-bejjiegħa rapportabbli li jkunu residenti għall-finijiet ta' din id-Direttiva fi Stat Membru jew fir-rigward tal-kiri ta' proprjetà immobbli li tinsab fi Stat Membru (komunement imsejħa "pjattaformi barranin"). Sabiex ikunu attivi fl-Unjoni, dawn il-pjattaformi jridu jirreġistraw fi Stat Membru (jiġifieri reġistrazzjoni unika) f'konformità mal-Artikolu 8ac(4). Il-paragrafu F tat-Taqsima IV tal-Anness V jistabbilixxi d-dettalji tar-reġistrazzjoni. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-regoli proposti u b'mod iktar preċiż, ir-reġistrazzjoni u l-identifikazzjoni tal-Operaturi tal-Pjattaformi Rapportanti, is-subparagrafu 3 tal-Artikolu 8ac(4) jikkonferixxi s-setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni biex tadotta formola standard. Dawn is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

L-operaturi tal-pjattaformi li diġà jkunu ġew identifikati għall-finijiet tal-VAT fl-Unjoni ma għandhomx jirreġistraw f'ebda Stat Membru għajr dak tal-identifikazzjoni tal-VAT.

– Liema attivitajiet huma rapportabbli?

Attività Rilevanti tinkludi l-kiri ta' proprjetà immobbli, il-forniment ta' servizzi personali, il-bejgħ ta' oġġetti, il-kiri ta' kwalunkwe modalità tat-trasport, u l-investiment u s-self mogħti fil-kuntest tal-finanzjament kollettiv.

Attività Rilevanti ma għandhiex tinkludi attività mwettqa minn Bejjiegħ li jaġixxi bħala impjegat tal-Operatur tal-Pjattaformi Rapportanti.

Servizz Personali huwa servizz li jinvolvi xogħol ibbażat fuq il-ħin jew fuq kompitu li jitwettaq minn individwu wieħed jew iktar li jaġixxi/u b'mod indipendenti jew f'isem Entità. Dan is-servizz jitwettaq fuq talba ta' utent, online jew fiżikament offline wara li jkun ġie ffaċilitat permezz ta' pjattaforma.

– Ta' min huma l-attivitajiet rapportabbli?

Bejjiegħ huwa utent ta' pjattaforma li jkun irreġistrat fuq il-pjattaforma u li jwettaq kwalunkwe waħda mill-Attivitajiet Rilevanti. Entità governattiva mhijiex ikkunsidrata bħala Bejjiegħ.

Bejjiegħ Attiv huwa kwalunkwe bejjiegħ li jkun ipprovda Attività Rilevanti matul il-perjodu rapportabbli.

Bejjiegħ Rapportabbli huwa kwalunkwe Bejjiegħ Attiv li matul il-perjodu rapportabbli (i) kellu l-indirizz primarju tiegħu fi Stat Membru, jew (ii) kellu NIT (numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa) jew numru ta' identifikazzjoni tal-VAT maħruġ fi Stat Membru, jew (iii) għal Bejjiegħ li jkun entità, kellu stabbiliment permanenti fi Stat Membru. Bejjiegħ Rapportabbli li jissodisfa kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet elenkati għandu jiġi kkunsidrat bħala resident fi Stat Membru għall-finijiet ta' din id-Direttiva.

Barra minn hekk, kwalunkwe Bejjiegħ Attiv li jkun kera proprjetà immobbli li tinsab fi Stat Membru matul il-perjodu rapportabbli huwa wkoll Bejjiegħ Rapportabbli.

L-attivitajiet ta' Bejjiegħ Rapportabbli biss huma rapportabbli.

*Proċeduri tad-diliġenza dovuta*

Operatur tal-Pjattaformi Rapportanti għandu jwettaq il-proċeduri tad-diliġenza dovuta stabbiliti fit-Taqsima II tal-Anness sabiex jidentifika l-Bejjiegħa Rapportabbli.

Il-paragrafu B tat-Taqsima II jistabbilixxi l-informazzjoni speċifika li Operatur tal-Pjattaformi Rapportanti jeħtieġ li jiġbor rigward Bejjiegħ Rapportabbli. Operatur tal-Pjattaformi Rapportanti jrid jivverifika l-informazzjoni miġbura billi juża l-informazzjoni u d-dokumenti kollha disponibbli għall-Operatur tal-Pjattaformi Rapportanti fir-reġistri tiegħu, kif ukoll kwalunkwe interfaċċa elettronika disponibbli permezz ta' Stat Membru jew tal-Unjoni mingħajr ħlas biex jaċċerta l-validità tal-NIT jew tan-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT. Inkella, l-Operatur tal-Pjattaformi Rapportanti jista' jikkonferma b'mod dirett l-identità u r-residenza ta' Bejjiegħ permezz ta' servizz tal-identifikazzjoni elettronika disponibbli permezz ta' Stat Membru jew tal-Unjoni.

Operatur tal-Pjattaformi Rapportanti għandu jikkunsidra li l-Bejjiegħ ikun resident fl-Istat Membru tal-Indirizz Primarju tal-Bejjiegħ. Meta r-residenza tkun differenti mill-Istat Membru tal-Indirizz Primarju tal-Bejjiegħ, Operatur tal-Pjattaformi Rapportanti għandu jikkunsidra li l-Bejjiegħ ikun resident ukoll fl-Istat Membru tal-ħruġ tal-NIT jew in-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT jew fl-Istat Membru li fih il-Bejjiegħ ikollu stabbiliment permanenti. F'każ li l-Operatur tal-Pjattaformi Rapportanti juża s-servizz tal-identifikazzjoni elettronika disponibbli permezz ta' Stat Membru jew tal-Unjoni, imbagħad il-Bejjiegħ jiġi kkunsidrat resident f'kull Stat Membru li jiġi kkonfermat mis-servizz tal-identifikazzjoni elettronika.

Operatur tal-Pjattaformi Rapportanti għandu jiġbor l-informazzjoni meħtieġa, jivverifikaha u jkollu l-informazzjoni disponibbli sal-31 ta' Diċembru tal-Perjodu Rapportabbli.

Operatur tal-Pjattaformi Rapportanti jista' joqgħod fuq il-proċeduri tad-diliġenza dovuta mwettqa f'Perjodi Rapportabbli preċedenti, diment li (i) l-informazzjoni meħtieġa tkun inġabret jew ġiet ivverifikata fl-aħħar 36 xahar, u (ii) ma jkollux ħjiel li l-informazzjoni miġbura ma baqgħetx affidabbli jew korretta.

Operatur tal-Pjattaformi Rapportanti jista' jinnomina Operatur tal-Pjattaformi ieħor jew parti terza biex jieħdu ħsieb l-obbligi fir-rigward tal-proċeduri tad-diliġenza dovuta.

*Rappurtar lill-awtorità kompetenti*

Malli l-informazzjoni tinġabar u tiġi vverifikata, din għandha tiġi rrappurtata fi żmien xahar wara tmiem il-Perjodu Rapportabbli li fih il-Bejjiegħ jiġi identifikat bħala Bejjiegħ Rapportabbli. Ir-rappurtar għandu jsir biss fi Stat Membru wieħed (jiġifieri rappurtar uniku). Operatur tal-Pjattaformi Rapportanti li jkun "pjattaforma tal-UE" għandu jirrapporta fl-Istat Membru li fih jissodisfa kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet elenkati fil-punt (a) tal-paragrafu A(3) tat-Taqsima I. Fil-każ li jissodisfa xi waħda minn dawn il-kundizzjonijiet f'iktar minn Stat Membru wieħed, l-Operatur tal-Pjattaformi Rapportanti għandu jagħżel Stat Membru wieħed li fih għandu jsir ir-rappurtar. Operatur tal-Pjattaformi Rapportanti li jkun "pjattaforma barranija" għandu jirrapporta fl-Istat Membru li fih ikun irreġistrat f'konformità mal-Artikolu 8ac(4).

L-informazzjoni dwar il-Korrispettiv u ammonti oħra għandha tiġi rrappurtata fir-rigward tat-trimestru tal-Perjodu Rapportabbli li fih tħallas jew ġie kkreditat il-Korrispettiv. Id-definizzjoni tal-korrispettiv teskludi kwalunkwe tariffa, kummissjoni jew taxxa minn ras il-għajn jew imposta mill-Pjattaforma Rapportanti.

F'konformità mal-Artikolu 25(3) emendat, l-Operaturi tal-Pjattaformi Rapportanti għandhom jinfurmaw lil kull individwu kkonċernat li l-informazzjoni relatata ma' dan l-individwu se tinġabar u se tiġi rrappurtata lill-awtoritajiet skont din id-Direttiva u għandhom jipprovdu l-informazzjoni kollha li jeħtieġu l-kontrolluri tad-*data* skont il-GDPR. L-Operaturi tal-Pjattaformi jridu jipprovdu l-informazzjoni lil kull individwu u fi kwalunkwe każ, qabel ma tiġi rrappurtata l-informazzjoni. Dan huwa mingħajr preġudizzju għad-dritt tas-suġġett tad-*data* skont il-GDPR.

*Skambju awtomatiku tal-informazzjoni rrappurtata mill-Operaturi tal-Pjattaformi*

L-informazzjoni rrappurtata mill-Operaturi tal-Pjattaformi trid tiġi kkomunikata mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li fihom ikun sar ir-rappurtar, lill-Istati Membri li fihom il-Bejjiegħ Rapportabbli jkun resident skont it-tifsira tal-paragrafu B(3) tat-Taqsima I tal-Anness V u/jew li fihom tinsab il-proprjetà immobbli. Il-paragrafu 2 tal-Artikolu 8ac jistabbilixxi liema informazzjoni għandha tiġi rrappurtata lil dawk l-Istati Membri.

L-iskambju jseħħ fi żmien xahrejn wara tmiem il-perjodu rapportabbli.

Dawn l-iskambji f'waqthom jipprovdu sett komplut ta' informazzjoni għall-awtoritajiet tat-taxxa, u b'hekk ikunu jistgħu jħejju l-valutazzjonijiet tat-taxxa ta' kull sena b'tali mod li diġà jkunu mimlija minn qabel.

L-iskambju awtomatiku tal-informazzjoni jsir b'mod elettroniku permezz tan-network komuni ta' komunikazzjoni (CCN) tal-UE bl-użu tal-iskema XML żviluppata mill-Kummissjoni.

*Implimentazzjoni effettiva u għeluq tal-kontijiet tal-Bejjiegħa*

Jekk Bejjiegħ Rapportabbli ma jipprovdix l-informazzjoni meħtieġa wara żewġ tfakkiriet, l-Operatur tal-Pjattaformi Rapportanti jrid jagħlaq il-kont ta' tali Bejjiegħ u ma jħallix lill-

Bejjiegħ jerġa' jirreġistra fuq il-Pjattaforma għal perjodu ta' sitt xhur, jew iżomm il-pagament tal-Korrispettiv lill-Bejjiegħ (il-paragrafu A tat-Taqsima IV).

*Penali effettivi għan-nuqqas ta' konformità fil-livell nazzjonali*

L-Artikolu 25a dwar il-penali huwa emendat biex jinkludi l-informazzjoni rrappurtata mill-Operaturi tal-Pjattaformi f'konformità mal-Artikolu 8ac. Dan biex jiġi żgurat li l-Istati Membri jipprevedu l-applikazzjoni ta' penali għall-każijiet meta ma jiġux irrispettati l-obbligi stabbiliti f'din id-Direttiva. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

**(iii) Kooperazzjoni amministrattiva**

- **Preżenza ta' uffiċjali ta' Stat Membru waqt inkjesta fi Stat Membru ieħor**

L-emenda għall-Artikolu 11(1) tintroduċi obbligu għall-awtorità kompetenti li ssirilha t-talba biex twieġeb talba għall-preżenza ta' uffiċjal ta' Stat Membru ieħor waqt inkjesta. It-tweġiba bil-konferma tal-qbil jew bir-rifjut motivat tagħha lill-awtorità rikjedenti trid tasal fi żmien 30 jum.

Permezz tal-Artikolu 11(2), kif emendat, jistgħu jiġu intervistati individwi u jistgħu jiġu eżaminati r-reġistri mingħajr il-limitazzjoni tad-dritt nazzjonali tal-Istat Membru li ssirlu t-talba. Ġiet miżjuda wkoll l-opzjoni li wieħed jipparteċipa fl-inkjesti amministrattivi permezz tal-użu ta' mezzi elettroniċi tal-komunikazzjoni, sabiex jiġu indirizzati l-modalitajiet ġodda tal-komunikazzjoni.

- **Kontrolli simultanji**

L-Artikolu 12(3) ġie emendat sabiex tiġi prevista skadenza ta' 30 jum li fihom l-awtoritajiet li ssirilhom it-talba jridu jwieġbu l-proposta għal kontroll simultanju.

- **Awditi konġunti**

It-Taqsima IIa tiżdied fid-Direttiva biex jiġi stabbilit qafas ġuridiku espliċitu u ċar għat-twettiq tal-awditi konġunti bejn żewġ Stati Membri jew iktar.

L-Artikolu 12a(1) jinkludi definizzjoni ta' x'inhu awditu konġunt: inkjesta amministrattiva mwettqa b'mod konġunt mill-awtoritajiet kompetenti ta' żewġ Stati Membri jew iktar. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri involuti jipproċedu, b'mod miftiehem minn qabel u kkoordinat, biex jeżaminaw każ marbut ma' persuna waħda jew iktar ta' interess komuni jew komplementari għalihom.

*Talba għal awditu konġunt*

– Minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru

L-Artikolu 12a(2) jindirizza s-sitwazzjoni meta awtorità kompetenti ta' Stat Membru titlob lill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor twettaq awditu b'mod konġunt. L-awtorità li ssirilha t-talba għandha twieġeb it-talba fi żmien 30 jum minn meta tirċeviha.

Talba tista' tiġi rrifjutata għal raġunijiet ġustifikati. Il-paragrafu 3 tal-Artikolu 12a jagħti lista mhux eżawrjenti ta' raġunijiet għar-rifjut.

– Minn persuna

L-Artikolu 12a(4) jindirizza sitwazzjoni meta persuna titlob lill-awtoritajiet kompetenti ta' żewġ Stati Membri jew iktar iwettqu awditu b'mod konġunt magħha. L-awtoritajiet li ssirilhom it-talba għandhom iwieġbu t-talba fi żmien 30 jum minn meta jirċevuha.

Talba tista' tiġi rrifjutata u r-raġunijiet għar-rifjut iridu jiġu nnotifikati lill-persuna rikjedenti.

It-tifsira ta' persuna hija ddefinita fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2011/16/UE.

*Il-proċedura*

L-Artikolu 12a(5) jiċċara li jenħtieġ li l-iskambju ta' informazzjoni relatata ma' sigrieti kummerċjali, industrijali jew professjonali jew ma' proċess kummerċjali, jew ta' informazzjoni li l-iżvelar tagħha jmur kontra l-ordni pubbliku, ma jiġix irrifjutat fil-kuntest ta' awditu konġunt. Madankollu jenħtieġ li tali informazzjoni skambjata tibqa' kunfidenzjali fost l-awtoritajiet kompetenti involuti u ma tiġix żvelata lil partijiet terzi.

L-Artikolu 12a(6) jiddetermina li l-awditu konġunt għandu jitwettaq f'konformità mal-ftehimiet proċedurali applikabbli fl-Istat Membru li fih jittieħdu l-azzjonijiet ta' awditu. L-evidenza miġbura matul l-awditu konġunt jenħtieġ li tiġi rrikonoxxuta b'mod reċiproku mill-awtoritajiet kompetenti kollha tal-Istat(i) Membru/i parteċipanti.

L-Artikolu 12a(10) jittratta l-arranġamenti lingwistiċi għall-awditi konġunti u jispjega li dawn għandhom jiġu miftiehma mill-Istati Membri involuti.

*Rapport finali*

L-Artikolu 12a(7) jistabbilixxi obbligu għall-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri parteċipanti biex jaqblu dwar il-fatti u ċ-ċirkostanzi tal-każ u jistieden lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jagħmlu ħilithom biex jilħqu ftehim dwar kif jinterpretaw il-pożizzjoni tat-taxxa tal-persuna/i awditjata/i. Il-konklużjonijiet tal-awditu konġunt jeħtieġ li jiġu ppreżentati f'rapport finali. Jenħtieġ li r-rapport finali tal-awditu konġunt ikollu valur ġuridiku ekwivalenti għall-istrumenti nazzjonali rilevanti li jinħarġu bħala riżultat ta' awditu fl-Istati Membri parteċipanti.

F'konformità mal-Artikolu 12a(9), jenħtieġ li l-eżitu tal-awditu konġunt u tar-rapport finali jiġu nnotifikati lill-persuna/i awditjata/i fi żmien 30 jum mill-ħruġ tar-rapport finali.

*Aġġustament korrispondenti*

L-Artikolu 12a(8) jistabbilixxi obbligu għall-Istati Membri li skontu fit-traspożizzjoni tagħhom tad-Direttiva, l-Istati Membri jridu jipprevedu l-qafas ġuridiku li jippermettilhom jwettqu l-aġġustamenti korrispondenti.

**(iv) Dispożizzjonijiet oħra**

- **Użu tal-informazzjoni skambjata**

L-Artikolu 16(1) huwa emendat sabiex jiċċara li l-informazzjoni skambjata skont din id-Direttiva tista' tintuża għall-amministrazzjoni, għall-valutazzjoni u għall-infurzar tal-VAT u ta' taxxi indiretti oħra.

- **Komunikazzjoni obbligatorja tar-riżultati tal-evalwazzjoni**

L-Artikolu 23(2) huwa emendat biex jinħoloq obbligu għall-Istati Membri biex jeżaminaw u jevalwaw, fil-ġurisdizzjoni tagħhom, l-effettività tal-kooperazzjoni amministrattiva skont id-Direttiva u biex jikkomunikaw ir-riżultati tal-evalwazzjoni tagħhom lill-Kummissjoni fuq bażi annwali.

- **Sospensjoni tal-iskambji**

L-Artikolu 25(5) jippermetti lill-Istati Membri jtaffu r-riskji ta' ksur tad-*data* fil-kuntest tal-iskambju ta' informazzjoni. Fil-każ ta' ksur tad-*data* personali, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, bħala kontrolluri konġunti tad-*data*, jistgħu jiddeċiedu li jitolbu lill-

Kummissjoni tissospendi l-iskambji ta' informazzjoni mal-Istat(i) Membru/i li fih(om) ikun seħħ il-ksur.

Il-Kummissjoni għandha terġa' tistabbilixxi l-proċess għall-iskambji ta' informazzjoni wara li l-awtoritajiet kompetenti jitolbu lill-Kummissjoni tagħmel dan skont din id-Direttiva mal-Istat Membru li fih ikun seħħ il-ksur.

Tali sospensjoni tiżdied mal-miżuri meħtieġa skont il-GDPR biex jiġi indirizzat il-ksur tad-*data*.

2020/0148 (CNS)

Proposta għal

# DIRETTIVA TAL-KUNSILL

## li temenda d-Direttiva 2011/16/UE dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 113 u 115 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[1],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[2],

Filwaqt li jaġixxi skont proċedura leġiżlattiva speċjali,

Billi:

(1) Sabiex jiġu akkomodati inizjattivi ġodda tal-Unjoni fil-qasam tat-trasparenza tat-taxxa, id-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE[3] kienet soġġetta għal serje ta' emendi f'dawn l-aħħar snin. Dawn il-bidliet prinċipalment introduċew obbligi ta' rappurtar, segwiti minn komunikazzjoni lil Stati Membri oħra, b'rabta ma' kontijiet finanzjarji, deċiżjonijiet transfruntiera antiċipati u arranġamenti preliminari ta' prezzijiet, rapporti għal kull pajjiż u arranġamenti transfruntiera rapportabbli. B'hekk, dawn l-emendi estendew il-kamp ta' applikazzjoni tal-iskambju awtomatiku tal-informazzjoni. Issa l-awtoritajiet tat-taxxa għandhom sett usa' ta' għodod ta' kooperazzjoni għad-dispożizzjoni tagħhom, biex jidentifikaw u jindirizzaw il-forom ta' frodi tat-taxxa, ta' evażjoni tat-taxxa u ta' evitar tat-taxxa.

(2) F'dawn l-aħħar snin, il-Kummissjoni kienet qed timmonitorja l-applikazzjoni, u fl-2019 lestiet evalwazzjoni tad-Direttiva 2011/16/UE[4]. Filwaqt li sar titjib sinifikanti fil-qasam tal-iskambju awtomatiku tal-informazzjoni, għad hemm il-ħtieġa li jittejbu d-dispożizzjonijiet eżistenti relatati mal-forom kollha ta' skambji ta' informazzjoni u ta' kooperazzjoni amministrattiva.

(3) Skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2011/16/UE, wara li ssir talba mingħand awtorità rikjedenti, l-awtorità li ssirilha t-talba trid tikkomunika lill-awtorità rikjedenti kwalunkwe informazzjoni li jkollha fil-pussess tagħha, jew li tikseb bħala riżultat ta' inkjesti amministrattivi, li tista' tkun prevedibbilment rilevanti għall-amministrazzjoni

1 ĠU C […], […], p. […].
2 ĠU C […], […], p. […].
3 Id-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE tal-15 ta' Frar 2011 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni u li tħassar id-Direttiva 77/799/KEE (ĠU L 64, 11.3.2011, p. 1).
4 Il-Kummissjoni Ewropea, Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni, Evalwazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni u li tħassar id-Direttiva 77/799/KEE, SWD(2019) 328 final.

u għall-infurzar tal-liġijiet domestiċi tal-Istati Membri rigward it-taxxi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva. Sabiex tiġi żgurata l-effettività tal-iskambji ta' informazzjoni u jiġu evitati rifjuti mhux ġustifikati ta' talbiet, kif ukoll biex jiġu pprovduti ċ-ċarezza u ċ-ċertezza tad-dritt kemm għall-amministrazzjonijiet tat-taxxa kif ukoll għall-kontribwenti, jenħtieġ li l-istandard ta' rilevanza prevedibbli jiġi indikat b'mod ċar. F'dan il-kuntest, għandu jiġi ċċarat ukoll li l-istandard ta' rilevanza prevedibbli jenħtieġ li ma japplikax għat-talbiet ta' informazzjoni addizzjonali wara skambju ta' informazzjoni f'konformità mal-Artikolu 8a tad-Direttiva 2011/16/UE fir-rigward ta' deċiżjoni transfruntiera antiċipata jew arranġament preliminari ta' prezzijiet.

(4) Fl-esperjenza prattika tal-amministrazzjonijiet tat-taxxa, xi kultant ikun hemm bżonn jiġu indirizzati talbiet ta' informazzjoni li jikkonċernaw gruppi ta' kontribwenti li ma jkunux jistgħu jiġu identifikati b'mod individwali, iżda li jkunu jistgħu jiġu deskritti biss abbażi ta' sett ta' karatteristiċi komuni. Meta jitqies dan kollu, jeħtieġ li l-amministrazzjonijiet tat-taxxa jingħataw il-possibbiltà li jagħmlu talbiet ta' informazzjoni fi gruppi.

(5) Huwa importanti li tiġi skambjata bejn l-Istati Membri l-informazzjoni relatata mal-introjtu dderivat mill-proprjetà intellettwali, peress li dan l-introjtu huwa suxxettibbli għal arranġamenti ta' trasferiment tal-profitti minħabba l-assi sottostanti mobbli ħafna tiegħu. Għalhekk, jenħtieġ li r-royalties jiġu inklużi fil-kategoriji ta' introjtu soġġetti għal skambju awtomatiku obbligatorju ta' informazzjoni sabiex isir titjib fil-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa, l-evażjoni tat-taxxa u l-evitar tat-taxxa.

(6) Id-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija ilha tikber b'rata mgħaġġla f'dawn l-aħħar snin. Dan wassal għal numru dejjem ikbar ta' sitwazzjonijiet kumplessi marbuta mal-evażjoni tat-taxxa. Id-dimensjoni transfruntiera tas-servizzi offruti permezz tal-użu tal-operaturi tal-pjattaformi diġitali ħolqot ambjent kumpless fejn jaf ikun diffiċli li jiġu infurzati r-regoli tat-taxxa u li tiġi żgurata l-konformità mar-regoli tat-taxxa. Il-konformità mar-regoli tat-taxxa hija subottimali u l-valur tal-introjtu mhux irrappurtat huwa sinifikanti. L-amministrazzjonijiet tat-taxxa tal-Istati Membri ma għandhomx biżżejjed informazzjoni biex jivvalutaw b'mod korrett u biex jikkontrollaw l-introjtu gross iggwadanjat fil-pajjiż tagħhom minn attivitajiet kummerċjali mwettqa bl-intermedjazzjoni tal-pjattaformi diġitali. Dan huwa partikolarment problematiku meta l-fluss tal-introjtu jew tal-ammont taxxabbli jgħaddi minn pjattaformi stabbiliti f'ġurisdizzjoni oħra.

(7) L-amministrazzjonijiet tat-taxxa spiss jitolbu informazzjoni mingħand l-operaturi tal-pjattaformi diġitali. Dan jikkawża kostijiet amministrattivi u tal-konformità sinifikanti għall-operaturi tal-pjattaformi. Fl-istess ħin, xi Stati Membri imponew obbligu ta' rappurtar unilaterali, li joħloq piż amministrattiv addizzjonali għall-operaturi tal-pjattaformi, peress li jridu jikkonformaw ma' diversi standards nazzjonali ta' rappurtar. Għalhekk, ikun essenzjali li japplika obbligu tar-rappurtar standardizzat fis-suq intern kollu.

(8) Meta jitqies li l-biċċa l-kbira tal-introjtu jew tal-ammonti taxxabbli tal-bejjiegħa fuq il-pjattaformi diġitali huma transfruntiera, ir-rappurtar tal-informazzjoni relatata mal-attività rilevanti jwassal għal riżultati pożittivi addizzjonali jekk din tiġi kkomunikata wkoll lill-Istati Membri li jkunu eliġibbli għall-intaxxar tal-introjtu ggwadanjat. B'mod partikolari, l-iskambju awtomatiku tal-informazzjoni bejn l-awtoritajiet tat-taxxa huwa kruċjali biex dawk l-awtoritajiet ikollhom l-informazzjoni meħtieġa biex ikunu jistgħu jivvalutaw it-taxxi fuq l-introjtu u l-VAT dovuti.

(9) Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern, jenħtieġ li t-tfassil tar-regoli tar-rappurtar ikun effiċjenti imma fl-istess ħin sempliċi. Filwaqt li jiġu rrikonoxxuti d-diffikultajiet biex jiġu identifikati l-avvenimenti taxxabbli li jseħħu meta titwettaq attività kummerċjali li tiġi ffaċilitata permezz tal-pjattaformi diġitali u filwaqt li jitqies ukoll il-piż amministrattiv addizzjonali li jkollhom jiffaċċjaw l-amministrazzjonijiet tat-taxxa f'każ bħal dan, jeħtieġ li jiġi impost obbligu ta' rappurtar għall-operaturi tal-pjattaformi. L-operaturi tal-pjattaformi jinsabu f'pożizzjoni aħjar biex jiġbru u jivverifikaw l-informazzjoni meħtieġa dwar il-bejjiegħa kollha li jużaw pjattaforma speċifika u li joperaw fuqha.

(10) Minħabba l-użu wiesa' ta' pjattaformi diġitali fit-twettiq tal-attivitajiet kummerċjali, kemm mill-individwi kif ukoll mill-entitajiet, huwa kruċjali li jiġi żgurat li l-informazzjoni tkun rapportabbli irrispettivament min-natura ġuridika tal-bejjiegħ. Minkejja dan, jenħtieġ li tiġi prevista eċċezzjoni għall-entitajiet governattivi, li ma għandux ikollhom dan l-obbligu tar-rappurtar.

(11) Ir-rappurtar tal-introjtu ggwadanjat minn tali attivitajiet jenħtieġ li jipprovdi lill-amministrazzjonijiet tat-taxxa b'sett komprensiv ta' informazzjoni meħtieġa għall-valutazzjoni korretta tat-taxxa dovuta fuq l-introjtu.

(12) Għal raġunijiet ta' simplifikazzjoni u mitigazzjoni tal-kostijiet tal-konformità, ikun raġonevoli li l-operaturi tal-pjattaformi jkunu meħtieġa jirrappurtaw l-introjtu ggwadanjat mill-bejjiegħa permezz tal-użu tal-pjattaforma fi Stat Membru wieħed.

(13) Minħabba n-natura diġitali u l-flessibbiltà tal-pjattaformi diġitali, jenħtieġ li l-obbligu tar-rappurtar jiġi estiż għal dawk l-operaturi tal-pjattaformi li jwettqu attività kummerċjali fl-Unjoni iżda li la jkunu residenti għal finijiet tat-taxxa, la jkunu inkorporati jew ġestiti, u lanqas ma jkollhom stabbiliment permanenti f'ebda Stat Membru. Dan jiżgura kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fost il-pjattaformi u jipprevjeni l-kompetizzjoni inġusta. Sabiex dan jiġi ffaċilitat, jenħtieġ li l-pjattaformi barranin ikunu meħtieġa jirreġistraw u jirrappurtaw fi Stat Membru wieħed biex b'hekk ikunu joperaw fis-suq intern.

(14) Meta jitqiesu l-iżviluppi fl-ekonomija diġitalizzata, jenħtieġ li r-rappurtar ta' attività kummerċjali jinkludi l-kiri ta' proprjetà immobbli, il-forniment ta' servizzi personali, il-bejgħ ta' oġġetti, il-kiri ta' kwalunkwe modalità tat-trasport, u l-investiment u s-self mogħti fil-kuntest tal-finanzjament kollettiv. L-attivitajiet li jitwettqu minn bejjiegħ li jaġixxi bħala impjegat tal-operatur tal-pjattaformi jenħtieġ li ma jaqgħux fl-ambitu tar-rappurtar.

(15) L-objettiv tal-prevenzjoni tal-evażjoni u tal-evitar tat-taxxa jista' jiġi żgurat billi l-operaturi tal-pjattaformi diġitali jkunu meħtieġa jirrappurtaw l-introjtu ggwadanjat permezz tal-pjattaformi fi stadju bikri, qabel ma l-awtoritajiet nazzjonali tat-taxxa jwettqu l-valutazzjonijiet tat-taxxa tagħhom ta' kull sena. Sabiex jiġi ffaċilitat ix-xogħol tal-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istati Membri, jenħtieġ li l-informazzjoni rrappurtata tiġi skambjata fi żmien xahar wara r-rappurtar. Sabiex jiġi ffaċilitat l-iskambju awtomatiku tal-informazzjoni u jittejjeb l-użu effiċjenti tar-riżorsi, jenħtieġ li l-iskambji jitwettqu b'mod elettroniku permezz tan-network komuni ta' komunikazzjoni ("CCN") eżistenti li ġie żviluppat mill-Unjoni.

(16) L-evalwazzjoni tad-Direttiva 2011/16/UE mwettqa mill-Kummissjoni wriet il-ħtieġa li jsir monitoraġġ konsistenti tal-effettività fl-applikazzjoni ta' dik id-Direttiva u tad-dispożizzjonijiet nazzjonali ta' traspożizzjoni li jippermettu din l-applikazzjoni. Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tkompli timmonitorja u tevalwa b'mod xieraq l-effettività

tal-iskambji awtomatiċi tal-informazzjoni skont id-Direttiva 2011/16/UE, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu obbligati jikkomunikaw l-istatistika dwar tali skambji lill-Kummissjoni fuq bażi annwali.

(17) Jeħtieġ li jissaħħu l-mekkaniżmi tad-Direttiva 2011/16/UE rigward il-preżenza ta' uffiċjali tal-amministrazzjoni tat-taxxa ta' Stat Membru wieħed fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, u t-twettiq ta' kontrolli simultanji minn żewġ Stati Membri jew iktar, sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni effettiva tagħhom. B'hekk jenħtieġ li t-tweġibiet għat-talbiet għall-preżenza ta' uffiċjali ta' Stat Membru ieħor u għall-kontrolli simultanji jiġu pprovduti f'perjodu ta' żmien speċifikat. Meta uffiċjali barranin ikunu preżenti fit-territorju ta' Stat Membru ieħor waqt inkjesta amministrattiva, jew jipparteċipaw permezz tal-użu ta' mezzi elettroniċi tal-komunikazzjoni, jenħtieġ li jitħallew jintervistaw lill-individwi u jeżaminaw ir-reġistri b'mod dirett.

(18) Stat Membru li jkun beħsiebu jwettaq kontroll simultanju huwa meħtieġ jikkomunika l-intenzjoni tiegħu lill-Istati Membri l-oħra kkonċernati. Filwaqt li l-awtorità kompetenti ta' kull Stat Membru kkonċernat hija obbligata tirrispondi għall-proposta, huwa importanti li jiġi żgurat li r-rispons jingħata f'limitu ta' żmien raġonevoli. Għalhekk, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti ta' kull Stat Membru kkonċernat twieġeb għall-proposta fi żmien 30 jum minn meta tirċeviha.

(19) Il-kontrolli multilaterali mwettqa bl-appoġġ tal-programm Fiscalis 2020 stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 1286/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5] urew il-benefiċċju ta' kontrolli kkoordinati ta' kontribwent wieħed jew iktar li jkunu ta' interess komuni jew komplementari għal żewġ amministrazzjonijiet tat-taxxa jew iktar fl-Unjoni. Peress li ma hemm l-ebda bażi ġuridika espliċita għat-twettiq tal-awditi konġunti, attwalment tali azzjonijiet konġunti qed jitwettqu abbażi tad-dispożizzjonijiet ikkombinati tad-Direttiva 2011/16/UE rigward il-preżenza ta' uffiċjali barranin fit-territorju ta' Stati Membri oħra u rigward il-kontrolli simultanji. Madankollu, f'ħafna każijiet intwera li din il-prattika kienet insuffiċjenti u ma kellhiex ċarezza u ċertezza tad-dritt.

(20) Jenħtieġ li l-Istati Membri jadottaw qafas ġuridiku ċar u effiċjenti li jippermetti lill-awtoritajiet tat-taxxa tagħhom iwettqu awditi konġunti ta' persuni b'attività transfruntiera. L-awditi konġunti huma inkjesti amministrattivi mwettqa b'mod konġunt mill-awtoritajiet kompetenti ta' żewġ Stati Membri jew iktar, biex jeżaminaw każ marbut ma' persuna waħda jew iktar ta' interess komuni jew komplementari għal dawn l-Istati Membri. L-awditi konġunti jista' jkollhom rwol importanti biex jikkontribwixxu għall-funzjonament aħjar tas-suq intern. L-awditi konġunti jenħtieġ li jkunu strutturati biex joffru ċertezza tad-dritt lill-kontribwenti permezz ta' regoli proċedurali ċari, inkluż għall-mitigazzjoni tar-riskju ta' tassazzjoni doppja.

(21) Sabiex tiġi żgurata l-effettività tal-proċess, jenħtieġ li t-tweġibiet għat-talbiet għal awditi konġunti jiġu pprovduti f'perjodu ta' żmien speċifikat. Ir-rifjuti tat-talbiet jenħtieġ li jkunu ġġustifikati kif xieraq. L-arranġamenti proċedurali applikabbli għal awditu konġunt jenħtieġ li jkunu dawk tal-Istat Membru li fih titwettaq l-azzjoni tal-awditjar rilevanti. Abbażi ta' dan, l-evidenza miġbura matul awditu konġunt jenħtieġ li tiġi rrikonoxxuta b'mod reċiproku mill-Istat(i) Membru/i parteċipanti. Huwa importanti bl-istess mod li l-awtoritajiet kompetenti jaqblu dwar il-fatti u ċ-ċirkostanzi

---

[5] Ir-Regolament (UE) Nru 1286/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi programm ta' azzjoni biex jittejjeb it-tħaddim tas-sistemi ta' tassazzjoni fl-Unjoni Ewropea għall-perijodu 2014-2020 (Fiscalis 2020) u jirrevoka d-Deċiżjoni Nru 1482/2007/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 25).

tal-każ u li jagħmlu ħilithom biex jilħqu ftehim dwar kif jinterpretaw il-pożizzjoni tat-taxxa tal-persuna/i awditjata/i. Sabiex jiġi żgurat li l-eżitu ta' awditu konġunt jista' jiġi implimentat fl-Istati Membri parteċipanti, jenħtieġ li r-rapport finali jkollu valur ġuridiku ekwivalenti għall-istrumenti nazzjonali rilevanti li jinħarġu bħala riżultat ta' awditu fl-Istati Membri parteċipanti. Fejn ikun neċessarju, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu l-qafas ġuridiku għat-twettiq ta' aġġustament korrispondenti.

(22) Filwaqt li jiġi rrikonoxxut li l-awditi konġunti jissejsu fuq il-fiduċja reċiproka bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri parteċipanti, jenħtieġ li l-iskambju ta' informazzjoni relatata ma' sigrieti kummerċjali, industrijali jew professjonali jew ma' proċess kummerċjali, jew ta' informazzjoni li l-iżvelar tagħha jmur kontra l-ordni pubbliku, ma jiġix irrifjutat fil-kuntest ta' awditu konġunt. Madankollu jenħtieġ li tali informazzjoni skambjata tibqa' kunfidenzjali u ma tiġix żvelata lil partijiet terzi.

(23) Huwa importanti wkoll li jiġu żgurati l-iskambju effettiv ta' informazzjoni fuq talba u l-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet kompetenti. Għalhekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti li jirċievu l-informazzjoni f'konformità mal-Artikolu 5 jew 9 tad-Direttiva 2011/16/UE jkunu obbligati jipprovdu l-feedback lill-awtorità kompetenti li pprovdiet tali informazzjoni fir-rigward tal-iskambji kollha fuq talba fi żmien 30 jum wara li jkun magħruf l-eżitu tal-użu tal-informazzjoni mitluba.

(24) Bħala kwistjoni ta' prinċipju, huwa importanti li l-informazzjoni kkomunikata skont id-Direttiva 2011/16/UE tintuża għall-valutazzjoni, għall-amministrazzjoni u għall-infurzar ta' taxxi li jkunu koperti mill-kamp ta' applikazzjoni materjali ta' dik id-Direttiva. Abbażi ta' din il-premessa u filwaqt li jitqies is-sinifikat li għandha l-VAT għall-funzjonament tas-suq intern, jixraq li jiġi ċċarat li l-informazzjoni kkomunikata bejn l-Istati Membri tista' tintuża wkoll għall-valutazzjoni, għall-amministrazzjoni u għall-infurzar tal-VAT u ta' taxxi indiretti oħra.

(25) Huwa essenzjali li d-*data* personali li tiġi skambjata bejn l-Istati Membri skont id-Direttiva 2011/16/UE tiġi protetta b'mod effettiv. Jekk ikun hemm ksur tad-*data* personali skont it-tifsira tal-punt 12 tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6] fi Stat Membru wieħed jew iktar, jenħtieġ li l-Istati Membri, bħala kontrolluri konġunti tad-*data*, jiddeċiedu jekk il-ksur jirrikjedix li l-iskambji ta' informazzjoni jiġu sospiżi mal-Istat(i) Membru/i li fih(om) seħħ il-ksur u jekk il-Kummissjoni, bħala l-proċessur, għandhiex tintalab tissospendi dawn l-iskambji. Jenħtieġ li s-sospensjoni tibqa' tapplika sa meta l-Istati Membri jitolbu lill-Kummissjoni terġa' tippermetti l-iskambji ta' informazzjoni skont id-Direttiva 2011/16/UE mal-Istat Membru li fih ikun seħħ il-ksur.

(26) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tad-Direttiva 2011/16/UE u b'mod partikolari għall-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tat-taxxa, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tadotta formola standard b'numru limitat ta' komponenti, inkluż l-arranġamenti lingwistiċi. Jenħtieġ li dawk is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7].

---

6 Ir-Regolament (UE) Nru 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta'April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

7 Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

(27) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[8].

(28) Kwalunkwe pproċessar tad-*data* personali li jitwettaq fil-qafas ta' din id-Direttiva jrid ikun konformi mar-Regolamenti (UE) 2016/679 u (UE) 2018/1725.

(29) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

(30) L-objettiv ta' din id-Direttiva, jiġifieri l-kooperazzjoni amministrattiva effiċjenti bejn l-Istati Membri b'kundizzjonijiet kompatibbli mal-funzjonament tajjeb tas-suq intern, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri. L-għan tagħha li ttejjeb il-kooperazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet tat-taxxa jirrikjedi regoli uniformi li jistgħu jkunu effettivi f'sitwazzjonijiet transfruntiera, u għaldaqstant jista' jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni. L-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif imniżżel f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-objettiv.

(31) Għalhekk, jenħtieġ li d-Direttiva 2011/16/UE tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

Id-Direttiva 2011/16/UE hija emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 3, il-punt 9 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-punt (a) tal-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) għall-finijiet tal-Artikolu 8(1) u tal-Artikoli 8a, 8aa, 8ab u 8ac, il-komunikazzjoni sistematika ta' informazzjoni ddefinita minn qabel lil Stat Membru ieħor, mingħajr talba minn qabel, b'intervalli regolari stabbiliti minn qabel."

(b) Il-punt (c) tal-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) għall-finijiet tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għajr l-Artikolu 8(1) u (3a) u l-Artikoli 8a, 8aa u 8ac, il-komunikazzjoni sistematika ta' informazzjoni ddefinita minn qabel ipprovduta fil-punti (a) u (b) ta' dan il-punt."

(c) It-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Fil-kuntest tal-Artikoli 8(3a), 8(7a) u 21(2) u l-Artikolu 25(2) u (3), kwalunkwe terminu li jibda b'ittra kapitali għandu jkollu t-tifsira mogħtija skont id-definizzjonijiet korrispondenti stabbiliti fl-Anness I. Fil-kuntest tal-Artikolu 8aa u tal-Anness III, kwalunkwe terminu li jibda b'ittra kapitali għandu jkollu t-tifsira mogħtija skont id-definizzjonijiet korrispondenti stabbiliti fl-Anness III. Fil-kuntest tal-Artikoli 8acu tal-Anness V, kwalunkwe terminu li jibda b'ittra kapitali għandu jkollu t-tifsira mogħtija skont id-definizzjonijiet korrispondenti stabbiliti fl-Anness V.".

[8] Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar tad-*data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE.

(2) Jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

*"Artikolu 5a*

**Rilevanza prevedibbli**

1. Għall-finijiet ta' talba kif imsemmi fl-Artikolu 5, l-informazzjoni mitluba għandha titqies li tkun prevedibbilment rilevanti meta fiż-żmien li ssir it-talba l-awtorità rikjedenti tikkunsidra li, f'konformità mad-dritt nazzjonali tagħha, hemm possibbiltà raġonevoli li l-informazzjoni mitluba tkun rilevanti għall-kwistjonijiet tat-taxxa ta' kontribwent wieħed jew iktar, kemm jekk din tkun identifikata b'isimhom jew b'xi mod ieħor, u tkun iġġustifikata għall-finijiet tal-investigazzjoni.

2. Bl-għan li tintwera r-rilevanza prevedibbli tal-informazzjoni mitluba, l-awtorità kompetenti rikjedenti għandha tipprovdi l-informazzjoni ta' sostenn lill-awtorità li saritilha t-talba, b'mod partikolari dwar il-fini tat-taxxa li għaliha qed tintalab l-informazzjoni u r-raġunijiet li jindikaw li l-informazzjoni mitluba tkun qed tinżamm mill-awtorità li ssirilha t-talba jew li tkun qiegħda fil-pussess jew fil-kontroll ta' persuna fil-ġurisdizzjoni tal-awtorità li ssirilha t-talba.

*Artikolu 5b*

**Talbiet fi gruppi**

Talba, kif imsemmi fl-Artikolu 5, tista' tkun relatata ma' grupp ta' kontribwenti li ma jistgħux jiġu identifikati b'mod individwali b'isimhom jew b'mod ieħor, iżda li jistgħu jiġu deskritti biss abbażi ta' sett komuni ta' karatteristiċi.

F'każijiet bħal dawn, l-awtorità kompetenti rikjedenti għandha tipprovdi l-informazzjoni li ġejja lill-awtorità li ssirilha t-talba:

(a) deskrizzjoni komprensiva tal-karatteristiċi komuni tal-grupp; u

(b) spjegazzjoni tal-liġi applikabbli u tal-fatti li abbażi tagħhom ikun hemm raġuni għalfejn wieħed jemmen li l-kontribwenti fil-grupp ma kkonformawx mal-liġi applikabbli, inkluż il-fatti u ċ-ċirkostanzi relatati mal-involviment ta' parti terza li kkontribwiet attivament għall-potenzjal ta' nuqqas ta' konformità mal-liġi tal-kontribwenti fil-grupp.".

(3) Fl-Artikolu 6, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. It-talba msemmija fl-Artikolu 5 tista' tinkludi talba motivata biex issir inkjesta amministrattiva. Jekk l-awtorità li ssirilha t-talba tkun tal-fehma li mhi meħtieġa l-ebda inkjesta amministrattiva, din għandha tinforma minnufih lill-awtorità rikjedenti bir-raġunijiet tagħha.".

(4) L-Artikolu 8 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"1. Permezz ta' skambju awtomatiku, l-awtorità kompetenti ta' kull Stat Membru għandha tikkomunika lill-awtorità kompetenti ta' kwalunkwe Stat Membru ieħor l-informazzjoni kollha dwar il-kategoriji speċifiċi ta' introjtu u ta' kapital li ġejjin, kif għandhom jinftehmu skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istat Membru li jikkomunika l-informazzjoni:

(a) l-introjtu mill-impjiegi;

(b) it-tariffi tad-direttur;

(c) il-prodotti tal-assigurazzjoni tal-ħajja li mhumiex koperti minn strumenti legali oħra tal-Unjoni dwar l-iskambju ta' informazzjoni u miżuri simili oħra;

(d) il-pensjonijiet;

(e) is-sjieda tal-proprjetà immobbli u l-introjtu minnha;

(f) ir-royalties.

Għall-perjodi taxxabbli li jibdew fl-1 ta' Jannar 2023 jew wara, il-komunikazzjoni tal-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tinkludi n-Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa (NIT) tal-Istat Membru tar-residenza.

Kull sena l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar mill-inqas żewġ kategoriji ta' introjtu u ta' kapital imsemmija fl-ewwel subparagrafu li fir-rigward tagħhom għandhom jikkomunikaw l-informazzjoni li tikkonċerna lir-residenti ta' Stat Membru ieħor.

2. Qabel l-1 ta' Jannar 2023, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b'mill-inqas erba' kategoriji elenkati fil-paragrafu 1 li fir-rigward tagħhom l-awtorità kompetenti ta' kull Stat Membru, permezz ta' skambju awtomatiku, għandha tikkomunika lill-awtorità kompetenti ta' kwalunkwe Stat Membru ieħor l-informazzjoni li tikkonċerna lir-residenti f'dak l-Istat Membru l-ieħor. L-informazzjoni għandha tikkonċerna l-perjodi taxxabbli li jibdew fl-1 ta' Jannar 2024 jew wara.".

(b) Fil-paragrafu 3, it-tieni subparagrafu jitħassar.

(c) Il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. Il-komunikazzjoni tal-informazzjoni skont il-paragrafi 1 u 3a għandha ssir kull sena, fi żmien disa' xhur wara tmiem is-sena kalendarja jew perjodu ta' rappurtar xieraq ieħor li għalih tirreferi l-informazzjoni.".

(5) L-Artikolu 8a huwa emendat kif ġej:

(a) Fil-paragrafu 5, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) fir-rigward tal-informazzjoni skambjata skont il-paragrafu 1 – mingħajr dewmien wara li jkunu nħarġu, ġew emendati jew iġġeddew id-deċiżjonijiet transfruntiera antiċipati jew l-arranġamenti preliminari tal-prezzijiet, u mhux iktar tard minn tliet xhur wara tmiem nofs is-sena kalendarja li matulha jkunu nħarġu, ġew emendati jew iġġeddew id-deċiżjonijiet transfruntiera antiċipati jew l-arranġamenti preliminari ta' prezzijiet;".

(b) Fil-paragrafu 6, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) sommarju tad-deċiżjoni transfruntiera antiċipata jew tal-arranġament preliminari tal-prezzijiet, inkluż deskrizzjoni tal-attivitajiet kummerċjali jew tat-tranżazzjonijiet jew ta' serje ta' tranżazzjonijiet rilevanti u kwalunkwe informazzjoni oħra li tista' tgħin lill-awtorità kompetenti tivvaluta riskju tat-taxxa potenzjali, mingħajr ma twassal għall-iżvelar ta' sigriet kummerċjali, industrijali jew professjonali jew ta' proċess

kummerċjali, jew ta' informazzjoni li l-iżvelar tagħha jmur kontra l-ordni pubbliku.".

(c) Il-paragrafu 10 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"10. Minkejja r-referenza għar-rilevanza prevedibbli fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 1 u għall-kundizzjonijiet tar-rilevanza prevedibbli stabbiliti fl-Artikolu 5a, l-Istati Membri jistgħu, f'konformità mal-Artikolu 5, u wara li jikkunsidraw l-Artikolu 21(4), jitolbu informazzjoni addizzjonali, inkluż it-test sħiħ ta' deċiżjoni transfruntiera antiċipata jew arranġament preliminari tal-prezzijiet.".

(6) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

*"Artikolu 8ac*

**Kamp ta' applikazzjoni u kundizzjonijiet għall-iskambju awtomatiku obbligatorju ta' informazzjoni rrappurtata mill-Operaturi tal-Pjattaformi**

1. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jeżiġi li l-Operaturi tal-Pjattaformi Rapportanti jwettqu r-rekwiżiti tad-diliġenza dovuta u tar-rappurtar stabbiliti fit-Taqsimiet II u III tal-Anness V. F'konformità mat-Taqsima IV tal-Anness V, kull Stat Membru għandu jiżgura wkoll l-implimentazzjoni effettiva ta' tali regoli u l-konformità magħhom.

2. Skont ir-rekwiżiti applikabbli tad-diliġenza dovuta u tar-rappurtar li jinsabu fit-Taqsimiet II u III tal-Anness V, l-awtorità kompetenti ta' kull Stat Membru, permezz ta' skambju awtomatiku, għandha tikkomunika, fil-limitu ta' żmien stabbilit fil-paragrafu 3, lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-residenza tal-Bejjiegħ Rapportabbli skont it-tifsira tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu B(3) tat-Taqsima I tal-Anness V u/jew li fih tkun tinsab il-proprjetà immobbli, l-informazzjoni li ġejja rigward kull Bejjiegħ Rapportabbli għall-Perjodi Rapportabbli mill-1 ta' Jannar 2022:

(a) l-isem, l-indirizz tal-uffiċċju rreġistrat u l-NIT tal-Operatur tal-Pjattaformi Rapportanti, kif ukoll l-isem/ismijiet kummerċjali tal-Pjattaforma/i, li qed jirrapporta dwarhom l-Operatur tal-Pjattaformi Rapportanti;

(b) l-isem u l-kunjom tal-Bejjiegħ li jkun Individwu u l-isem ġuridiku tal-Bejjiegħ li jkun Entità;

(c) l-Indirizz Primarju;

(d) kwalunkwe NIT, jew, fin-nuqqas ta' NIT, ekwivalenti funzjonali li jkun inħareġ lill-Bejjiegħ, inkluż kull Stat Membru tal-ħruġ;

(e) in-numru ta' reġistrazzjoni tan-negozju tal-Bejjiegħ li jkun Entità;

(f) in-numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) tal-Bejjiegħ, meta jkun disponibbli;

(g) id-data tat-twelid tal-Bejjiegħa li jkunu Individwi;

(h) l-Identifikatur tal-Kont Finanzjarju li fih jitħallas jew jiġi kkreditat il-Korrispettiv, meta dan ikun disponibbli għall-Operatur tal-Pjattaformi Rapportanti, u meta l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn huwa resident il-Bejjiegħ ma tkunx innotifikat lill-awtoritajiet kompetenti tal-

Istati Membri l-oħra kollha li mhix beħsiebha tuża l-Identifikatur tal-Kont Finanzjarju għal dan l-iskop;

(i) meta jkun differenti mill-isem tal-Bejjiegħ Rapportabbli, l-isem tad-detentur u n-numru tal-kont finanzjarju li fih jitħallas jew jiġi kkreditat il-Korrispettiv, meta dan ikun disponibbli għall-Operatur tal-Pjattaformi Rapportanti, kif ukoll kwalunkwe informazzjoni oħra dwar l-identifikazzjoni finanzjarja li tkun disponibbli għall-Operatur tal-Pjattaformi Rapportanti fir-rigward ta' dak id-detentur tal-kont;

(j) kull Stat Membru li fih il-Bejjiegħ Rapportabbli jkun resident skont it-tifsira tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu B(3) tat-Taqsima I tal-Anness V;

(k) il-Korrispettiv totali li tħallas jew li ġie kkreditat matul kull trimestru tal-Perjodu Rapportabbli;

(l) kwalunkwe tariffa, kummissjoni jew taxxa f'ras il-għajn jew imposta mill-Pjattaforma Rapportanti matul kull trimestru tal-Perjodu Rapportabbli.

Meta l-Bejjiegħ Rapportabbli jipprovdi servizzi ta' kiri ta' proprjetà immobbli, l-informazzjoni addizzjonali li ġejja għandha tiġi kkomunikata lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih il-Bejjiegħ Rapportabbli jkun resident għal finijiet tat-taxxa:

(a) l-indirizz ta' kull Proprjetà Elenkata, iddeterminata abbażi tal-proċeduri stabbiliti fil-paragrafu E tat-Taqsima II tal-Anness V u n-numru ta' reġistrazzjoni tal-art rispettiv, meta jkun disponibbli;

(b) meta jkun disponibbli, in-numru ta' jiem li fihom kull Proprjetà Elenkata nkriet matul il-Perjodu Rapportabbli u t-tip ta' kull Proprjetà Elenkata.

3. Il-komunikazzjoni skont il-paragrafu 2 għandha ssir billi tintuża l-formola standard imsemmija fl-Artikolu 20(7) fi żmien xahrejn wara tmiem il-Perjodu Rapportabbli li miegħu huma marbuta l-obbligi tar-rappurtar tal-Operatur tal-Pjattaformi Rapportanti.

4. Għall-fini tal-konformità mal-obbligi tar-rappurtar skont il-paragrafu 1, kull Stat Membru għandu jistabbilixxi r-regoli meħtieġa li jeżiġu li Operatur tal-Pjattaformi Rapportanti skont it-tifsira tas-subparagrafu A(3)(b) tat-Taqsima I tal-Anness V ikun irreġistrat fl-Unjoni. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni għandha talloka numru ta' identifikazzjoni individwali lil tali Operatur tal-Pjattaformi Rapportanti.

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli li skonthom Operatur tal-Pjattaformi Rapportanti jista' jagħżel li jirreġistra mal-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru wieħed f'konformità mar-regoli stabbiliti fil-paragrafu F tat-Taqsima IV tal-Anness V.

Permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-arranġamenti prattiċi meħtieġa għar-reġistrazzjoni u għall-identifikazzjoni tal-Operaturi tal-Pjattaformi Rapportanti. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 26(2).".

(7) L-Artikolu 8b huwa emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Fuq bażi annwali, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bl-istatistika dwar il-volum ta' skambji awtomatiċi skont l-Artikoli 8(1), 8(3a), 8aa u 8ac, u bl-informazzjoni dwar il-kostijiet u l-benefiċċji amministrattivi u oħrajn rilevanti relatati mal-iskambji li jkunu saru u ma' kwalunkwe bidla potenzjali, kemm għall-amministrazzjonijiet tat-taxxa kif ukoll għall-partijiet terzi.".

(b) Il-paragrafu 2 jitħassar.

(8) L-Artikolu 11 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Bil-ħsieb li tiġi skambjata l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 1(1), l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru tista' titlob lill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor biex l-uffiċjali awtorizzati mill-awtorità tal-ewwel Stat Membru u f'konformità mal-arranġamenti proċedurali stabbiliti mill-awtorità ta' Stat Membru ieħor:

(a) ikunu preżenti fl-uffiċċji li fihom l-awtoritajiet amministrattivi tal-Istat Membru li ssirlu t-talba jaqdu dmirijiethom;

(b) ikunu preżenti waqt l-inkjesti amministrattivi li jitwettqu fit-territorju tal-Istat Membru li ssirlu t-talba;

(c) jipparteċipaw fl-inkjesti amministrattivi li jitwettqu mill-Istat Membru li ssirlu t-talba permezz tal-użu ta' mezzi elettroniċi tal-komunikazzjoni, meta jkun xieraq.

Awtorità kompetenti għandha twieġeb talba f'konformità mal-ewwel subparagrafu fi żmien 30 jum, biex tikkonferma il-qbil tagħha jew biex tikkomunika r-rifjut motivat tagħha lill-awtorità rikjedenti.

Meta l-informazzjoni mitluba tkun tinsab fid-dokumentazzjoni li għaliha jkollhom aċċess l-uffiċjali tal-awtorità li ssirilha t-talba, l-uffiċjali tal-awtorità rikjedenti għandhom jingħataw kopji tagħha.".

(b) Fil-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Meta uffiċjali tal-awtorità rikjedenti jkunu preżenti waqt l-inkjesti amministrattivi, jew jipparteċipaw permezz tal-użu ta' mezzi elettroniċi tal-komunikazzjoni, dawn jistgħu jintervistaw l-individwi u jeżaminaw ir-reġistri.".

(9) Fl-Artikolu 12, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. L-awtorità kompetenti ta' kull Stat Membru kkonċernat għandha tiddeċiedi jekk tixtieqx tipparteċipa fil-kontrolli simultanji. Għandha tikkonferma l-qbil tagħha jew tikkomunika r-rifjut motivat tagħha lill-awtorità li pproponiet kontroll simultanju fi żmien 30 jum minn meta tirċievi l-proposta.".

(10) Tiddaħħal it-Taqsima li ġejja:

"*TAQSIMA* IIa

***Awditi Konġunti***

*Artikolu 12a*

**Awditi konġunti**

1. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, "awditu konġunt" għandha tfisser inkjesta amministrattiva li titwettaq b'mod konġunt mill-awtoritajiet kompetenti ta' żewġ Stati Membri jew iktar li jipproċedu, b'mod miftiehem minn qabel u kkoordinat, biex jeżaminaw każ marbut ma' persuna waħda jew iktar ta' interess komuni jew komplementari għall-Istati Membri rispettivi tagħhom.

2. Meta awtorità kompetenti ta' Stat Membru wieħed titlob lill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor (jew ta' Stati Membri oħra) biex twettaq awditu konġunt ta' persuna waħda jew iktar ta' interess komuni jew ta' interess komplementari għall-Istati Membri rispettivi kollha tagħhom, l-awtoritajiet li ssirilhom it-talba għandhom iwieġbu t-talba fi żmien 30 jum minn meta jirċevuha.

3. Talba għal awditu konġunt minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru tista' tiġi rrifjutata għal raġunijiet ġustifikati u, b'mod partikolari, għal kwalunkwe waħda mir-raġunijiet li ġejjin:

   (a) l-awditu konġunt mitlub ikun jinvolvi t-twettiq ta' inkjesti jew il-komunikazzjoni ta' informazzjoni bi ksur tal-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru li ssirlu t-talba;

   (b) l-awtorità rikjedenti ma tkunx tista', minħabba raġunijiet ġuridiċi, tikkomunika informazzjoni li tkun simili għal dak li l-Istat Membru li ssirlu t-talba jkun mistenni jipprovdi matul l-awditu konġunt.

4. Meta persuna waħda jew iktar titlob lill-awtorità kompetenti ta' żewġ Stati Membri jew iktar biex isir awditu konġunt tal-persuna/i, l-awtoritajiet li ssirilhom it-talba għandhom iwieġbu t-talba fi żmien 30 jum.

   Meta awtorità li ssirilha t-talba tirrifjuta t-talba, għandha tinforma lill-persuna/i rikjedenti bir-raġunijiet ta' dak ir-rifjut.

5. Minkejja l-limiti stabbiliti fl-Artikolu 17(4), l-għoti ta' informazzjoni lill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru fil-kuntest ta' awditu konġunt skont dan l-Artikolu ma jistax jiġi rrifjutat għar-raġuni li dan ikun iwassal għall-iżvelar ta' sigriet kummerċjali, industrijali jew professjonali, jew ta' proċess kummerċjali, jew ta' informazzjoni li l-iżvelar tagħha jmur kontra l-ordni pubbliku. Dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-obbligu li l-awtorità kompetenti riċeventi ma tgħaddix jew, bl-ebda mod, ma tiżvela din l-informazzjoni lil partijiet terzi.

6. L-awditi konġunti għandhom jitwettqu f'konformità mal-arranġamenti proċedurali li japplikaw fl-Istat Membru li fih jittieħdu l-azzjonijiet relatati mal-awditu. L-evidenza miġbura fil-kuntest ta' awditu konġunt fi Stat Membru wieħed skont il-liġi tiegħu għandha tiġi rrikonoxxuta b'mod reċiproku mill-awtoritajiet kompetenti l-oħra kollha tal-Istati Membri li jipparteċipaw fl-awditu konġunt.

7. Meta l-awtoritajiet kompetenti ta' żewġ Stati Membri jew iktar iwettqu awditu konġunt, huma għandhom jaqblu dwar il-fatti u ċ-ċirkostanzi tal-każ u jagħmlu ħilithom biex jilħqu ftehim dwar il-pożizzjoni tat-taxxa tal-persuna/i awditjata/i abbażi tar-riżultati tal-awditu konġunt. Il-konklużjonijiet tal-awditu għandhom jiġu inkorporati f'rapport finali li għandu jkollu valur ġuridiku ekwivalenti għall-istrumenti nazzjonali rilevanti li jinħarġu wara awditu.

8. Għall-fini tal-implimentazzjoni tar-rapport finali, l-Istati Membri bil-liġi għandhom jipprevedu l-possibbiltà li jitwettaq aġġustament korrispondenti.

9. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li jkunu wettqu awditu konġunt għandhom jinnotifikaw l-eżitu tal-awditu, inkluż ir-rapport finali, lill-persuna/i awditjata/i fi żmien 30 jum mill-ħruġ tar-rapport finali.

10. L-arranġamenti lingwistiċi ta' awditu konġunt għandhom jiġu miftiehma mill-awtoritajiet kompetenti involuti fih.".

(11) Fl-Artikolu 14, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Meta awtorità kompetenti tipprovdi l-informazzjoni skont l-Artikoli 5 jew 9, l-awtorità kompetenti li tirċievi l-informazzjoni, mingħajr preġudizzju għar-regoli dwar is-segretezza f'materji tat-taxxa u l-protezzjoni tad-*data* applikabbli fl-Istat Membru tagħha, għandha tibgħat il-feedback lill-awtorità kompetenti li tkun ipprovdiet l-informazzjoni, malajr kemm jista' jkun u mhux iktar tard minn 30 jum wara li jkun magħruf l-eżitu tal-użu tal-informazzjoni mitluba.

Permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-arranġamenti prattiċi għall-għoti tal-feedback f'każijiet bħal dawn. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 26(2).".

(12) L-Artikolu 16 huwa emendat kif ġej:

(a) Fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-informazzjoni kkomunikata bejn l-Istati Membri fi kwalunkwe forma skont din id-Direttiva għandha tkun koperta bl-obbligu tas-segretezza uffiċjali u għandha tgawdi mill-protezzjoni mogħtija lil informazzjoni simili skont id-dritt nazzjonali tal-Istat Membru li rċeviha. Tali informazzjoni tista' tintuża għall-valutazzjoni, għall-amministrazzjoni u għall-infurzar tal-liġijiet domestiċi tal-Istati Membri fir-rigward tat-taxxi msemmija fl-Artikolu 2 kif ukoll fir-rigward tal-VAT u taxxi indiretti oħra.".

(b) Il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Bil-permess tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li jikkomunika l-informazzjoni skont din id-Direttiva, u biss sa fejn dan huwa permissibbli skont il-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru tal-awtorità kompetenti li tirċievi l-informazzjoni, l-informazzjoni u d-dokumenti li jaslu skont din id-Direttiva jistgħu jintużaw għal finijiet differenti minn dawk imsemmija fil-paragrafu 1.

L-awtorità kompetenti ta' kull Stat Membru għandha tikkomunika lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra kollha lista ta' finijiet li għalihom, f'konformità mal-liġi domestika tagħha, l-informazzjoni u d-dokumenti jistgħu jintużaw, għajr dawk imsemmija fil-paragrafu 1. L-awtorità kompetenti li tirċievi l-informazzjoni tista' tuża l-informazzjoni u d-dokumenti li tirċievi mingħajr il-permess imsemmi fl-ewwel subparagrafu għal kwalunkwe waħda mill-finijiet elenkati mill-Istat Membru li jikkomunikaha.".

(13) Fl-Artikolu 17, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Awtorità li ssirilha talba fi Stat Membru wieħed għandha tipprovdi lill-awtorità rikjedenti fi Stat Membru ieħor bl-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 5, diment li l-awtorità rikjedenti tkun eżawriet is-sorsi ta’ informazzjoni tas-soltu li setgħet tuża fiċ-ċirkostanzi biex tikseb l-informazzjoni mitluba u tkun ippruvat tuża l-mezzi kollha disponibbli, għajr dawk li jkunu jwasslu għal diffikultajiet sproporzjonati, mingħajr ma tissogra li tikkomprometti l-ksib tal-objettivi tagħha.”.

(14) L-Artikolu 20 huwa emendat kif ġej:

(a) Fil-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b’dan li ġej:

“2. Il-formola standard li hemm referenza għaliha fil-paragrafu 1 għandha tinkludi mill-inqas l-informazzjoni li ġejja li trid tiġi pprovduta mill-awtorità rikjedenti:

(a) l-identità tal-persuna li qed tiġi eżaminata jew investigata u, fil-każ ta’ talbiet fi grupp kif imsemmi fl-Artikolu 5b, deskrizzjoni komprensiva tal-karatteristiċi komuni tal-grupp;

(b) il-fini tat-taxxa li għaliha tkun qed tintalab l-informazzjoni.”.

(b) Il-paragrafi 3 u 4 huma sostitwiti b’dan li ġej:

“3. L-informazzjoni spontanja u l-konferma tal-wasla tagħha skont l-Artikoli 9 u 10 rispettivament, it-talbiet għal notifiki amministrattivi skont l-Artikolu 13, l-informazzjoni dwar il-feedback skont l-Artikolu 14 u l-komunikazzjonijiet skont l-Artikoli 16(2) u (3) u 24(2) għandhom jintbagħtu permezz tal-formoli standard adottati mill-Kummissjoni f’konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 26(2).

4. L-iskambju awtomatiku tal-informazzjoni skont l-Artikoli 8 u 8ac għandu jsir bl-użu ta’ format kompjuterizzat standard bl-għan li jiffaċilita tali skambju awtomatiku, adottat mill-Kummissjoni f’konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 26(2).”.

(15) Fl-Artikolu 21, jiżdied il-paragrafu li ġej:

“7. Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa u tipprovdi l-appoġġ tekniku u loġistiku għal interfaċċa ċentrali sigura dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni li permezz tagħha l-Istati Membri jikkomunikaw bl-użu ta’ formoli standard skont l-Artikolu 20(1) u (3). L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kollha għandu jkollhom aċċess għal dik l-interfaċċa. Għall-fini tal-ġbir tal-istatistika, il-Kummissjoni għandu jkollha aċċess għall-informazzjoni dwar l-iskambji rreġistrati fl-interfaċċa u li tista’ tiġi estratta b’mod awtomatiku. L-aċċess mill-Kummissjoni għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-obbligu tal-Istati Membri li jipprovdu l-istatistika dwar l-iskambji tal-informazzjoni f’konformità mal-Artikolu 23(4).

Permezz ta’ atti ta’ implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-arranġamenti prattiċi meħtieġa. Dawk l-atti ta’ implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f’konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 26(2).”.

(16) Fl-Artikolu 22, il-paragrafu 1a huwa sostitwit b’dan li ġej:

"1a. Għall-fini tal-implimentazzjoni u tal-infurzar tal-liġijiet tal-Istati Membri li jagħtu effett lil din id-Direttiva u sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tal-kooperazzjoni amministrattiva li din tistabbilixxi, l-Istati Membri għandhom jipprevedu bil-liġi l-aċċess mill-awtoritajiet tat-taxxa għall-mekkaniżmi, għall-proċeduri, għad-dokumenti u għall-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 13, 30, 31, 32a u 40 tad-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.

* Id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73).".

(17) Fl-Artikolu 23, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-Istati Membri għandhom jeżaminaw u jevalwaw, fil-ġurisdizzjoni tagħhom, l-effettività tal-kooperazzjoni amministrattiva f'konformità ma' din id-Direttiva fil-ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa u l-evitar tat-taxxa u kull sena għandhom jikkomunikaw ir-riżultati tal-evalwazzjoni tagħhom lill-Kummissjoni.".

(18) Fl-Artikolu 23a, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-informazzjoni kkomunikata lill-Kummissjoni minn Stat Membru skont l-Artikolu 23, kif ukoll kwalunkwe rapport jew dokument prodotti mill-Kummissjoni permezz tal-użu ta' tali informazzjoni, jistgħu jiġu trażmessi lil Stati Membri oħra. Tali informazzjoni trażmessa għandha tkun koperta bl-obbligu tas-segretezza uffiċjali u għandha tgawdi l-protezzjoni mogħtija għal informazzjoni simili skont id-dritt nazzjonali tal-Istat Membru li rċeviha.

Ir-rapporti u d-dokumenti prodotti mill-Kummissjoni, imsemmija fl-ewwel subparagrafu, jistgħu jintużaw mill-Istati Membri biss għal finijiet analitiċi, u ma għandhomx jiġu ppubblikati jew ikunu disponibbli għal ebda persuna jew korp ieħor mingħajr il-qbil espliċitu tal-Kummissjoni.

Minkejja l-ewwel u t-tieni subparagrafi, kull sena l-Kummissjoni tista' tippubblika sommarji anonimizzati tad-*data* statistika li l-Istati Membri jikkomunikawlha f'konformità mal-Artikolu 23(4).".

(19) L-Artikolu 25 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafi 2 u 3 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"2. L-Istituzzjonijiet Finanzjarji Rapportanti, l-intermedjarji, l-Operaturi tal-Pjattaformi Rapportanti u l-awtoritajiet kompetenti ta' kull Stat Membru għandhom jiġu kkunsidrati bħala kontrolluri konġunti tad-*data* u l-Kummissjoni għandha tiġi kkunsidrata bħala l-proċessur tad-*data* skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.

3. Minkejja l-paragrafu 1, kull Stat Membru għandu jiżgura li l-awtorità kompetenti tiegħu jew kull Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti jew kull intermedjarju jew kull Operatur tal-Pjattaformi Rapportanti, skont il-każ, fil-ġurisdizzjoni tiegħu:

(a) jinfurmaw lil kull individwu kkonċernat li l-informazzjoni relatata ma' dan l-individwu se tingħabar u tiġi ttrasferita f'konformità ma' din id-Direttiva;

(b) jipprovdu lil kull individwu bl-informazzjoni kollha li l-individwu jkun intitolat li jirċievi mingħand il-kontrollur tad-*data* fi żmien suffiċjenti biex l-individwu jeżerċita d-drittijiet tal-protezzjoni tad-*data* tiegħu u, fi kwalunkwe każ, qabel ma tiġi rrappurtata l-informazzjoni.

Minkejja l-punt (b) tal-ewwel subparagrafu, kull Stat Membru għandu jistabbilixxi r-regoli li jobbligaw lill-Operaturi tal-Pjattaformi Rapportanti jinfurmaw lill-Bejjiegħa Rapportabbli dwar il-Korrispettiv irrappurtat.

* Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).".

(b) Jiżdied il-paragrafu li ġej:

"5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fil-każ ta' ksur tad-*data* personali skont it-tifsira tal-punt 12 tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2016/679, l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni, bħala l-proċessur, biex tissospendi, bħala miżura ta' mitigazzjoni, l-iskambji ta' informazzjoni skont din id-Direttiva mal-Istat Membru li fih ikun seħħ il-ksur.

Is-sospensjoni għandha tibqa' tapplika sa meta l-awtoritajiet kompetenti jitolbu lill-Kummissjoni terġa' tippermetti l-iskambji ta' informazzjoni skont din id-Direttiva mal-Istat Membru li fih ikun seħħ il-ksur.".

(20) L-Artikolu 25a huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 25 a*

***Penali***

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva u li jikkonċernaw l-Artikoli 8aa, 8ab u 8ac, u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.".

(21) Jiżdied Anness V ġdid, li t-test tiegħu huwa stabbilit fl-Anness ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 2*

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2021, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Jannar 2022.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, fihom għandu jkun hemm referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu kif issir dik ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tad-dritt nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

# DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB

1.3. Natura tal-proposta/tal-inizjattiva

1.4. Objettiv(i)

1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.6. Durata u impatt finanzjarju

1.7. Modalità/modalitajiet ta' ġestjoni ppjanata/i

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rappurtar

2.2. Sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u tal-irregolaritajiet

## 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

*3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

*3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali*

*3.2.3. Impatt stmat fuq approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

*3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

*3.2.5. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

## DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

### 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

#### 1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

| |
|---|
| Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2011/16/UE dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni |

#### 1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB[27]

| |
|---|
| 14<br>14.03 |

#### 1.3. Natura tal-proposta/tal-inizjattiva

☒ Il-proposta/l-inizjattiva hija dwar **azzjoni ġdida**

☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija dwar **azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja**[28]

☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija dwar **l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija dwar **azzjoni diretta mill-ġdid lejn azzjoni ġdida**

#### 1.4. Objettiv(i)

*1.4.1. L-objettiv(i) strateġiku/strateġiċi pluriennali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/tal-inizjattiva*

| |
|---|
| Il-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2020 jelenka fost il-prijoritajiet tiegħu l-ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa. B'segwitu għal dan, il-qasam ewlieni għat-teħid tal-azzjoni huwa t-tisħiħ ulterjuri tal-ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa u ż-żieda tat-trasparenza u tal-iskambju ta' informazzjoni. |

*1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi u l-attività/attivitajiet ABM/ABB ikkonċernata/i*

| |
|---|
| Objettiv speċifiku<br>L-għan tal-leġiżlazzjoni proposta huwa li jittejjeb il-funzjonament tad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti tad-Direttiva 2011/16/UE dwar il-kooperazzjoni amministrattiva. It-titjib propost huwa relatat mal-forom kollha ta' skambju ta' informazzjoni u ta' kooperazzjoni amministrattiva. Għandu wkoll l-għan li jwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-iskambji awtomatiċi ta' informazzjoni fir-rigward tal-informazzjoni rrappurtata mill-operaturi tal-pjattaformi.<br>Attività/attivitajiet ABM/ABB ikkonċernata/i<br>ABB 3 |

[27] ABM: ġestjoni bbażata fuq l-attività; ABB: ibbaġitjar ibbażat fuq l-attività.

[28] Kif imsemmi fl-Artikolu 54(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

*1.4.3. Riżultat(i) u l-impatt mistennija*

*Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.*

It-titjib tad-dispożizzjoni eżistenti jenħtieġ li jkollu impatt pożittiv fuq l-applikazzjoni effiċjenti tad-Direttiva 2011/16/UE dwar il-kooperazzjoni amministrattiva. L-indirizzar tal-ineffiċjenzi attwali b'mod uniformi jiżgura ċ-ċertezza u ċ-ċarezza tad-dritt.

L-obbligu tar-rappurtar fir-rigward tal-introjtu ggwadanjat permezz tal-użu ta' pjattaformi diġitali għandu l-għan li jinforma primarjament lill-awtoritajiet tat-taxxa dwar attivitajiet b'dimensjoni li tmur lil hinn minn ġurisdizzjoni unika. L-informazzjoni rrappurtata u skambjata mal-ġurisdizzjonijiet rilevanti tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jivvalutaw it-taxxa dovuta abbażi ta' informazzjoni korretta u kompluta. Bl-impożizzjoni ta' rekwiżit tar-rappurtar fuq il-pjattaformi diġitali, l-introjtu tal-bejjiegħa jiġi rrappurtat ukoll u b'hekk jinħolqu kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni bejn il-bejjiegħa, irrispettivament minn jekk joperawx permezz ta' pjattaformi diġitali. Barra minn hekk, l-operaturi tal-pjattaformi kollha jkunu soġġetti għall-istess rekwiżiti.

*1.4.4. Indikaturi tar-riżultati u tal-impatt*

*Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva.*

Il-proposta se tiġi rregolata mir-rekwiżiti tad-Direttiva 2011/16/UE dwar il-kooperazzjoni amministrattiva (li qed temenda) fir-rigward ta' dan li ġej: (i) il-forniment annwali mill-Istati Membri ta' statistika dwar l-iskambji ta' informazzjoni; u (ii) il-preżentazzjoni ta' rapport mill-Kummissjoni abbażi ta' dik l-istatistika, inkluż dwar l-effettività tal-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni.

**1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva**

*1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil*

Id-Direttiva 2011/16/UE dwar il-kooperazzjoni amministrattiva se tiġi emendata biex jittejjeb il-funzjonament ta' dispożizzjonijiet eżistenti minnufih malli tidħol fis-seħħ u biex jiġu introdotti obbligi għall-operaturi tal-pjattaformi diġitali, sabiex jiġbru u jirrappurtaw l-informazzjoni dwar l-introjtu ġġenerat mill-kontribwenti permezz tal-pjattaformi diġitali.

*1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE*

Azzjoni fil-livell tal-UE se twassal valur miżjud, meta mqabbla ma' inizjattivi individwali mill-Istati Membri f'dan il-qasam. L-ewwel nett, tiżgura applikazzjoni konsistenti tar-regoli fl-UE kollha. Imbagħad, il-pjattaformi kollha f'dan il-kamp ta' applikazzjoni jkunu soġġetti għall-istess rekwiżiti tar-rappurtar. Fl-aħħar nett, flimkien mar-rappurtar isir skambju ta' informazzjoni, u b'hekk jippermetti lill-amministrazzjonijiet tat-taxxa jiksbu sett komprensiv ta' informazzjoni rigward l-introjtu ggwadanjat permezz ta' pjattaforma diġitali. Għalhekk, azzjoni kkoordinata fil-livell tal-UE tista' tiżgura l-effettività u l-kompletezza tas-sistema għall-iskambju tal-informazzjoni u għall-kooperazzjoni amministrattiva aħjar minn inizjattivi individwali mill-Istati Membri.

*1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

Fir-rigward tal-operaturi tal-pjattaformi diġitali, 12-il Stat Membru għandhom leġiżlazzjoni u/jew gwida amministrattiva fis-seħħ li abbażi tagħha l-operaturi tal-

| |
|---|
| pjattaformi jkollhom jirrappurtaw l-informazzjoni lill-amministrazzjonijiet tat-taxxa dwar il-bejjiegħa li jkunu attivi fuq il-pjattaforma tagħhom. Erba' Stati Membri oħra qed jippjanaw li jintroduċu tali leġiżlazzjoni jew gwida amministrattiva. Barra minn hekk, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri wettqu kontrolli tal-konformità mmirati lejn tranżazzjonijiet iffaċilitati mill-pjattaformi, bħal awditi, ittri jew kampanji ta' informazzjoni. |

1.5.4. *Kompatibbiltà u sinerġija possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

| |
|---|
| Peress li l-proposta hija mfassla biex temenda d-Direttiva 2011/16/UE dwar il-kooperazzjoni amministrattiva, il-proċeduri, l-arranġamenti u l-għodod tal-IT li diġà huma stabbiliti jew li qegħdin jiġu żviluppati fil-kuntest ta' dik id-Direttiva se jkunu disponibbli biex jintużaw għall-finijiet ta' din il-proposta. |

## 1.6. Durata u impatt finanzjarju

☐ Proposta/inizjattiva ta' **durata limitata**

– ☐ Proposta/inizjattiva fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS

– ☐ Impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS

☒ Proposta/inizjattiva ta' **durata mhux limitata**

– Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn SSSS sa SSSS,

– segwita b'operazzjoni sħiħa.

## 1.7. Modalità/modalitajiet ta' ġestjoni ppjanata/i[29]

☒ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– ☐ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja:

– ☐ lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;

– ☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

– ☐ lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investiment;

– ☐ lill-korpi msemmija fl-Artikoli 208 u 209 tar-Regolament Finanzjarju;

– ☐ lill-korpi tal-liġi pubblika;

– ☐ lill-korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ lill-korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

– *Jekk tiġi indikata iżjed minn modalità ta' ġestjoni waħda, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

| |
|---|
| Din il-proposta tissejjes fuq il-qafas u s-sistemi eżistenti għall-iskambju awtomatiku tal-informazzjoni li ġie żviluppat skont l-Artikolu 21 tad-Direttiva 2011/16/UE fil-kuntest ta' emenda preċedenti. Il-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri, għandha tiżviluppa forom u formati standardizzati għall-iskambju tal-informazzjoni permezz ta' miżuri ta' implimentazzjoni. Fir-rigward tan-network komuni ta' komunikazzjoni (CCN) li se jippermetti l-iskambju tal-informazzjoni bejn l-Istati Membri, il-Kummissjoni hija responsabbli għall-iżvilupp ta' dan in-network u l-Istati Membri se jieħdu l-impenn li joħolqu l-infrastruttura domestika xierqa li tippermetti l-iskambju tal-informazzjoni permezz tas-CCN. |

[29] Id-dettalji dwar il-modalitajiet ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinstabu fuq is-sit BudgWeb: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_mt.html

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rappurtar

*Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.*

L-Istati Membri jimpenjaw ruħhom li:

- Jikkomunikaw valutazzjoni annwali lill-Kummissjoni dwar l-effettività tal-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni msemmija fid-Direttiva fl-Artikoli 8, 8a, 8aa, 8ab u 8ac propost kif ukoll ir-riżultati prattiċi miksuba;

- Jipprovdu lista ta' *data* statistika ddeterminata mill-Kummissjoni f'konformità mal-proċedura tal-Artikolu 26(2) (miżuri ta' implimentazzjoni) għall-evalwazzjoni ta' din id-Direttiva.

Fl-Artikolu 27, il-Kummissjoni ħadet l-impenn li tippreżenta rapport dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva kull ħames snin, li bdew jgħoddu wara l-1 ta' Jannar 2013. Ir-riżultati ta' din il-proposta (li temenda d-DAC) se jiġu inklużi fir-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li se jinħareġ sal-1 ta' Jannar 2028.

### 2.2. Sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll

#### *2.2.1. Riskju/i identifikat(i)*

Ġew identifikati r-riskji potenzjali li ġejjin:

- L-Istati Membri jieħdu l-impenn li jipprovdu d-*data* statistika li mbagħad tinforma l-evalwazzjoni tad-Direttiva lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni tieħu l-impenn li tippreżenta rapport ibbażat fuq din id-*data* kull ħames snin. B'mod speċifiku rigward l-iskambju awtomatiku tal-informazzjoni, l-Istati Membri jieħdu l-impenn li jikkomunikaw lill-Kummissjoni valutazzjoni annwali tal-effettività ta' dan l-iskambju. Ir-riskju potenzjali assoċjat ma' dan huwa li d-*data* li tirċievi l-Kummissjoni ma tkunx tal-kwalità mistennija.

#### *2.2.2. Tagħrif dwar is-sistema ta' kontroll intern li ġiet stabbilita*

Fiscalis se jappoġġa s-sistema ta' kontroll intern, f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1286/2013 tal-11 ta' Diċembru 2013[30], billi se jipprovdi fondi għal dan li ġej:

- Azzjonijiet Konġunti (eż. fil-forma ta' gruppi ta' proġetti);

- L-iżvilupp tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, inkluż l-Iskema XML.

L-elementi ewlenin tal-istrateġija ta' kontroll huma:

Kuntratti tal-akkwist

Il-proċeduri ta' kontroll għall-akkwist iddefiniti fir-Regolament Finanzjarju: kwalunkwe kuntratt tal-akkwisti jiġi stabbilit wara l-proċedura stabbilita ta' verifika mis-servizzi tal-Kummissjoni għall-pagament, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-obbligi kuntrattwali u l-ġestjoni finanzjarja u ġenerali tajba. Miżuri kontra l-frodi (kontrolli, rapporti, eċċ) huma previsti fil-kuntratti kollha konklużi bejn il-Kummissjoni u l-benefiċjarji. It-termini ta' referenza dettaljati jitfasslu u jiffurmaw il-bażi ta' kull kuntratt speċifiku. Il-proċess ta' aċċettazzjoni jsegwi b'mod rigoruż il-metodoloġija

30 Ir-Regolament (UE) Nru 1286/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi programm ta' azzjoni biex jittejjeb it-tħaddim tas-sistemi ta' tassazzjoni fl-Unjoni Ewropea għall-perijodu 2014-2020 (Fiscalis 2020) u jirrevoka d-Deċiżjoni Nru 1482/2007/KE, ĠU L 347, 20.12.2013, p. 25-32.

tat-TAXUD TEMPO: ir-riżultati jiġu rieżaminati, jekk ikun meħtieġ jiġu emendati, u finalment jiġu aċċettati (jew irrifjutati) b'mod espliċitu. Ma tista' titħallas l-ebda fattura mingħajr "ittra ta' aċċettazzjoni".

Verifika teknika tal-akkwist

Id-DĠ TAXUD iwettaq il-kontrolli fuq ir-riżultati u jissorvelja l-operazzjonijiet u s-servizzi mwettqa mill-kuntratturi. Iwettaq ukoll awditi tal-kwalità u tas-sigurtà tal-kuntratturi tagħhom fuq bażi regolari. L-awditi tal-kwalità jivverifikaw il-konformità tal-proċessi effettivi tal-kuntratturi mar-regoli u mal-proċeduri ddefiniti fil-pjanijiet tal-kwalità tagħhom. L-awditi tas-sigurtà jiffukaw fuq il-proċessi, il-proċeduri u l-konfigurazzjonijiet speċifiċi.

Flimkien mal-kontrolli ta' hawn fuq, id-DĠ TAXUD iwettaq il-kontrolli finanzjarji tradizzjonali:

Verifika *ex ante* tal-impenji

L-impenji kollha fid-DĠ TAXUD jiġu vverifikati mill-Kap tal-Unità tal-Finanzi u mill-korrispondent tar-Riżorsi Umani. B'hekk, 100 % tal-ammonti impenjati jiġu koperti mill-verifika *ex ante*. Din il-proċedura tagħti livell għoli ta' assigurazzjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet.

Verifika *ex ante* tal-pagamenti

100 % tal-pagamenti jiġu vverifikati *ex ante*. Barra minn hekk, kull ġimgħa mill-inqas pagament wieħed (mill-kategoriji kollha tan-nefqiet) jintgħażel b'mod aleatorju għal verifika *ex ante* addizzjonali li titwettaq mill-Kap tal-Unità tal-Finanzi u mill-korrispondent tar-Riżorsi Umani. Ma hemm l-ebda mira rigward il-kopertura, peress li l-fini ta' din il-verifika hija li l-pagamenti jiġu kkontrollati b'mod "aleatorju" sabiex jiġi vverifikat li l-pagamenti kollha tħejjew skont ir-rekwiżiti. Il-kumplament tal-pagamenti jiġu pproċessati kuljum skont ir-regoli fis-seħħ.

Id-Dikjarazzjonijiet tal-Uffiċjali tal-Awtorizzazzjoni b'Sottodelegazzjonijiet (AOSD)

L-AOSD kollha jiffirmaw dikjarazzjonijiet li jappoġġaw ir-Rapport Annwali tal-Attivitajiet għas-sena kkonċernata. Dawn id-dikjarazzjonijiet ikopru l-operazzjonijiet fil-qafas tal-programm. L-AOSD jiddikjaraw li l-operazzjonijiet konnessi mal-implimentazzjoni tal-baġit ikunu twettqu f'konformità mal-prinċipji tal-ġestjoni finanzjarja tajba, li s-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll fis-seħħ ikunu pprovdew assigurazzjoni sodisfaċenti dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet u li r-riskji assoċjati ma' dawn l-operazzjonijiet ikunu ġew identifikati kif suppost, ikunu ġew irrappurtati, u li jkunu ġew implimentati azzjonijiet ta' mitigazzjoni.

2.2.3. *Stima tal-kostijiet u tal-benefiċċji tal-kontrolli u valutazzjoni tal-livell mistenni tar-riskju ta' errur*

Il-kontrolli stabbiliti jippermettu lid-DĠ TAXUD ikollu assigurazzjoni suffiċjenti tal-kwalità u tar-regolarità tan-nefqa u jnaqqas ir-riskju ta' nuqqas ta' konformità. Il-miżuri tal-istrateġija ta' kontroll ta' hawn fuq inaqqsu r-riskji potenzjali taħt il-mira ta' 2 % u jilħqu lill-benefiċjarji kollha. Kwalunkwe miżura addizzjonali għat-tnaqqis ulterjuri tar-riskju tirriżulta f'kostijiet żejda sproporzjonati u għaldaqstant mhux previst li jittieħdu miżuri addizzjonali. Il-kostijiet kumplessivi marbuta mal-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' kontroll ta' hawn fuq – għan-nefqiet kollha fil-qafas tal-programm Fiscalis 2020 – huma limitati għal 1,6 % tat-total tal-pagamenti li saru. Dan il-proporzjon mistenni jibqa' l-istess għal din l-inizjattiva. Il-programm tal-

istrateġija ta' kontroll jillimita r-riskju ta' nuqqas ta' konformità prattikament għalkollox u huwa wkoll proporzjonat mar-riskji involuti.

### 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u tal-irregolaritajiet

*Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti.*

L-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jwettaq l-investigazzjonijiet, inkluż verifiki u spezzjonijiet fuq il-post, f'konformità mad-dispożizzjonijiet u mal-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[31] u fir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96[32] bl-għan li jiġi stabbilit saritx frodi, kienx hemm korruzzjoni jew xi tip ta' attività illegali oħra li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni b'rabta ma' ftehim ta' għotja jew deċiżjoni ta' għotja jew kuntratt iffinanzjat skont dan ir-Regolament.

## 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

Linji baġitarji eżistenti

<u>Skont l-ordni</u> tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja | Type of Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | 14.03.01 | Diff./Mhux diff.[33] | mill-pajjiżi tal-EFTA[34] | mill-pajjiżi kandidati[35] | minn pajjiżi terzi | skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju |
| 1A – Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi | Titjib tal-funzjonament xieraq tas-sistemi tat-tassazzjoni | Diff. | LE | LE | LE | LE |

Linji baġitarji ġodda mitluba

*<u>Skont l-ordni</u> tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.*

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja | Type ofTip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru […][Heading……………………………… | Diff./Mhux diff. | mill-pajjiżi tal-EFTA | mill-pajjiżi kandidati | minn pajjiżi terzi | skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament |

[31] Ir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF), ĠU L 136 p. 1, 31.5.1999.

[32] Ir-Regolament tal-Kunsill (EURATOM, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra, ĠU L 292 p. 2, 15.11.96.

[33] Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.

[34] EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

[35] Pajjiżi kandidati u, meta jkun applikabbli, pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | ……] | | | | | Finanzjarju |
| | […][XX.SS.SS.SS] | | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE |

## 3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

### *3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

miljuni ta’ EUR (aġġustati ’l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | 1A | Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi |
|---|---|---|

| DĠ: TAXUD | | | Year **N**[36] | Year **N+1** | Year **N+2** | Year **N+3** | Year **N+4** | Year **N+5** | | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • Approprjazzjonijiet operazzjonali | | | | | | | | | | |
| Numru tal-linja baġitarja 14.03.01 | Impenji | (1) | 0,4 | 0,4 | 0,1 | 0,1 | 0,1 | | | **1,1** |
| | Pagamenti | (2) | 0,0 | 0,4 | 0,4 | 0,1 | 0,1 | 0,1 | | **1,1** |
| Numru tal-linja baġitarja | Impenji | (1a) | | | | | | | | |
| | Pagamenti | (2 a) | | | | | | | | |
| Approprjazzjonijiet ta’ natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta’ programmi speċifiċi[37] | | | | | | | | | | |
| Numru tal-linja baġitarja | | (3) | | | | | | | | |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet għad-DĠ TAXUD** | Impenji | =1+1a +3 | 0,4 | 0,4 | 0,1 | 0,1 | 0,1 | | | **1,1** |
| | Pagamenti | =2+2a +3 | 0,0 | 0,4 | 0,4 | 0,1 | 0,1 | 0,1 | | **1,1** |

36 Is-Sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva.

37 Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa li jappoġġaw l-implimentazzjoni ta’ programmi u/jew ta’ azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji “BA”), riċerka indiretta u riċerka diretta.

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali | Impenji | (4) | 0,4 | 0,4 | 0,1 | 0,1 | 0,1 | | | **1,1** |
| | Pagamenti | (5) | 0,0 | 0,4 | 0,4 | 0,1 | 0,1 | 0,1 | | **1,1** |
| • TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi | | (6) | | | | | | | | |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt tal-INTESTATURA 1A** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | =4+ 6 | 0,4 | 0,4 | 0,1 | 0,1 | 0,1 | | | **1,1** |
| | Pagamenti | =5+ 6 | 0,0 | 0,4 | 0,4 | 0,1 | 0,1 | 0,1 | | **1,1** |

**<u>Jekk il-proposta/l-inizjattiva taffettwa iżjed minn intestatura waħda:</u>**

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali | Impenji | (4) | 0,4 | 0,4 | 0,1 | 0,1 | 0,1 | | | **1,1** |
| | Pagamenti | (5) | 0,000 | 0,4 | 0,4 | 0,1 | 0,1 | 0,1 | | **1,1** |
| • TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi | | (6) | | | | | | | | |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURI 1 sa 4** tal-qafas finanzjarju pluriennali (Ammont ta' referenza) | Impenji | =4+ 6 | 0,4 | 0,4 | 0,1 | 0,1 | 0,1 | | | **1,1** |
| | Pagamenti | =5+ 6 | 0,0 | 0,4 | 0,4 | 0,1 | 0,1 | 0,1 | | **1,1** |

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | 5 | "Total tan-nefqa amministrattiva" |
|---|---|---|

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | Year N | Year N+1 | Year N+2 | Year N+3 | Year N+4 | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| DĠ: TAXUD | | | | | | | |
| • Riżorsi umani | | 0,069 | 0,069 | 0,028 | 0,014 | 0,014 | **0,194** |
| • Nefqa amministrattiva oħra | | 0,004 | 0,004 | 0,002 | 0,001 | 0,001 | **0,012** |
| **TOTAL tad-DĠ TAXUD** | Approprjazzjonijiet | 0,073 | 0,073 | 0,030 | 0,015 | 0,015 | **0,206** |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 5** tal-qafas finanzjarju pluriennali | (Total ta' impenji = Total ta' pagamenti) | 0,073 | 0,073 | 0,030 | 0,015 | 0,015 | **0,206** |

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | Year N[38] | Year N+1 | Year N+2 | Year N+3 | Year N+4 | Year N+5 | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURI 1 sa 5** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | 0,473 | 0,473 | 0,130 | 0,115 | 0,115 | | **1,306** |
| | Pagamenti | 0,073 | 0,473 | 0,430 | 0,115 | 0,115 | 0,100 | **1,306** |

[38] Is-Sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva.

### 3.2.2. *Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali*

☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta’ approprjazzjonijiet operazzjonali

☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta’ approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet ta’impenn f’miljuni ta’ EUR (aġġustati ’l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **Indika l-objettivi u l-outputs** ⇩ | | | Year **N** | | Year **N+1** | | Year **N+2** | | Year **N+3** | | Sena **N+4** | | **TOTAL** | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **tal-OUTPUTS** | | | | | | | | | | | | | |
| | Tip[39] | Kost medju | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru totali | Kost totali |
| OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 1[40]… | | | | | | | | | | | | | | |
| Speċifikazzjoniji | | | | 0,400 | | 0,100 | | | | | | | | **0,500** |
| Żvilupp | | | | | | 0,280 | | | | | | | | **0,280** |
| Manutenzjoni | | | | | | | | 0,050 | | 0,050 | | 0,050 | | **0,150** |
| Appoġġ | | | | | | 0,010 | | 0,030 | | 0,030 | | 0,030 | | **0,100** |
| Taħriġ | | | | | | | | | | | | | | |
| ITSM (Infrastruttura, ospitar, liċenzji, eċċ.), | | | | | | 0,010 | | 0,020 | | 0,020 | | 0,020 | | **0,070** |
| Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 1 | | | | **0,400** | | **0,400** | | **0,100** | | **0,100** | | **0,100** | | **1,100** |
| OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 2 ... | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | | | | | | | | | | | | | | |

[39] L-outputs huma prodotti u servizzi li jridu jiġu fornuti (eż.: numru ta’ skambji ta’ studenti ffinanzjati, numru ta’ km ta’ toroq mibnija, eċċ.).

[40] Kif deskritt fil-punt 1.4.2. “Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi…”

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 2 | | | | | | | | | | | | |
| **KOST TOTALI** | | **0,400** | | **0,400** | | **0,100** | | **0,100** | | **0,100** | | **1,100** |

*3.2.3. Impatt stmat fuq approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

3.2.3.1. Sommarju

☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | Year **N**[41] | Year **N+1** | Year **N+2** | Year **N+3** | Year **N+4** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **HEADING 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | |
| Riżorsi umani | 0,069 | 0,069 | 0,028 | 0,014 | 0,014 | **0,194** |
| Nefqa oħra ta' natura amministrattiva | 0,004 | 0,004 | 0,002 | 0,001 | 0,001 | **0,012** |
| **Subtotal HEADING 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | 0,073 | 0,073 | 0,030 | 0,015 | 0,015 | **0,206** |
| **Barra mill-INTESTATURA 5**[42] **tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | |
| Riżorsi umani | | | | | | |
| Other expenditure ta' natura amministrattiva | | | | | | |
| **Subtotal barra mill-INTESTATURA 5 of the multiannual financial framework** | | | | | | |
| **TOTAL** | 0,073 | 0,073 | 0,030 | 0,015 | 0,015 | **0,206** |

L-approprjazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu koperti mill-approprjazzjonijiet tad-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkunu ġew riassenjati fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

41 Is-Sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva.

42 Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa li jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

3.2.3.2. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani.

☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

*L-istima trid tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time*

| | Year **N** | Year **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Sena **N+4** |
|---|---|---|---|---|---|
| **• Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u aġenti temporanji)** | | | | | |
| XX 01 01 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni) | 0,5 | 0,5 | 0,2 | 0,1 | 0,1 |
| XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet) | | | | | |
| XX 01 05 01 (Riċerka indiretta) | | | | | |
| 10 01 05 01 (Riċerka diretta) | | | | | |
| **• Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għall-Full-Time: FTE)**[43] | | | | | |
| XX 01 02 01 (AC, END, INT mill-"pakkett globali") | | | | | |
| XX 01 02 02 (AC, AL, END, INT u JED fid-delegazzjonijiet) | | | | | |
| **XX** 01 04 **yy**[44] - fil-Kwartieri Ġenerali | | | | | |
| **XX** 01 04 **yy**[44] - fid-Delegazzjonijiet | | | | | |
| **XX** 01 05 02 (AC, END, INT - Riċerka indiretta) | | | | | |
| 10 01 05 02 (AC, END, INT - Riċerka diretta) | | | | | |
| Linji baġitarji oħra (speċifika) | | | | | |
| **TOTAL** | **0,5** | **0,5** | **0,2** | **0,1** | **0,1** |

**XX** huwa l-qasam ta' politika jew it-titolu baġitarju kkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkun ġie riassenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

| | |
|---|---|
| Uffiċjali u aġenti temporanji | Preparazzjoni ta' laqgħat u korrispondenza mal-Istati Membri; xogħol fuq formoli, formati tal-IT u d-Direttorju Ċentrali;<br>Kuntrattar ta' kuntratturi esterni biex jagħmlu xogħol fuq is-sistema tal-IT. |
| Persunal estern | Mhux applikabbli |

43 AC = Aġent Kuntrattwali; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondat; INT = persunal tal-aġenzija; JED = Esperti Subalterni fid-Delegazzjonijiet.

44 Sottolimitu għall-persunal estern kopert minn approprjazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji "BA").

### *3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

☒ Il-proposta/l-inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali.

☐ Il-proposta/l-inizjattiva se tkun tinvolvi riprogrammazzjoni tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju pluriennali.

| |
|---|
| Spjega liema riprogrammazzjoni hija meħtieġa, filwaqt li tispeċifika l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.<br>[…] |

☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-applikazzjoni tal-istrument ta' flessibbiltà jew ir-reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali.

| |
|---|
| Spjega x'inhu meħtieġ, filwaqt li tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.<br>[…] |

### *3.2.5. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

Il-proposta/l-inizjattiva ma tipprevedix kofinanzjament minn partijiet terzi.

~~Il-proposta/l-inizjattiva tipprevedi l-kofinanzjament stmat hawn taħt:~~

Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | Year **N** | Year **N+1** | Year **N+2** | Year **N+3** | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Speċifika l-korp ta' kofinanzjament | | | | | | | | |
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati | | | | | | | | |

### 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

☒ Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

☐ Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

☐ fuq ir-riżorsi proprji

☐ fuq id-dħul mixxellanju

miljuni ta’ EUR (aġġustati ’l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| Linja baġitarja tad-dħul: | Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja attwali | Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva[45] | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Year **N** | Year **N+1** | Year **N+2** | Year **N+3** | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | |
| Artikolu …………. | | | | | | | | |

Għad-dħul “assenjat” mixxellanju, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

[…]

Speċifika l-metodu biex jiġi kkalkolat l-impatt fuq id-dħul.

[…]

[45] Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta’ 25 % tal-kostijiet tal-ġbir.